Marzu 2017 • Vol 24 • Nru. 1

# IL-PULIZIJA

Xogħolna u ħajjitna fil-Korp



…b'dedika speċjali lin-nisa kollha li servew u għadhom iservu fil-Korp tal-Pulizija

Newspaper Post

Advert

Marzu 2017 • Vol 24 • Nru. 1

IL-PULIZIJA

Xogħolna u ħajjitna fil-Korp

# WERREJ




Ritratt - CMRU


5. Editorjal

7. Dan l-aħħar...

15. Jum iddedikat lin-Numru tal-Emerġenza 112

16. Intervista ma' PC 466 Paul Mercieca dwar in-nomina tal-Premju Nazzjonali Ħaddiem tas-Sena 2016

19. Apprezzamenti u kommendazzjonijiet lill-Pulizija

20. Fondi u Assoċjazzjonijiet fi ħdan il-Korp

25. Konsultazzjoni mat-Trejd Unjins Dwar Tibdil fl-Att dwar il-Pulizija

28. Malta Police Association

31. *Il-mara fil-Pulizija mis-sena 1956 'il quddiem*

39. Maltese AMBER Alert helps save missing children's lives

43. Paġna għat-tfal

45. Il-Kumitat Sportiv tal-Pulizija

50. Is-Saħħa Mentali

51. Ġurnata xogħol b'differenza għall-membri tal-Iskwadra ta Kontra l-Vizzji

52. L-Aħħar Ħbit tal-Furbani fl-1614

55. Apprezzamenti u kommendazzjonijiet lill-Pulizija

56. International Police Association - Malta

59. Malta Association of Retired Police Officers

62. Obitwarju


07




31



45



52



IL-PULIZIJA

Membri tal-Bord Editorjali:

President: Assistent Kummissarju Mario Spiteri
Editur: WPS 96 Rodienne Bartolo Haidon
Membri: Supretendent Kenneth Haber
WPS 280 Louise Camilleri
WPC 25 Charlene Cilia
WPC 176 Sloune Gatt Fabri

Qari tal-Prova: WPS 3 Joanna Vella
WPC 19 Daniela Sultana

Il-Pulizija tirringrazzja lid-ditti u l-aġenti tar-reklamar li għoġobhom jagħtu l-għajnuna tagħhom. L-artikli li jidhru f'dan il-magażin ma jirriflettux bilfors l-opinjoni tal-Bord. Kull korrispondenza għandha tkun ittajpjata u għandha tintbagħat fl-indirizz hawn taħt:

Disinn u riklamar

Ability Publications Ltd.
Tel: 21 241317, 27 241345
Fax: 21 241317
e-mail: refer@maltanet.net

Stampar

GUTENBERG PRESS

advert

# Editorjal

Filli nawguraw il-Milied u s-Sena t-Tajba u nistennew li nibdew il-Presidenza u f'tebqa t'għajn sibna ruħna fix-xahar ta' Marzu, f'nofs il-Presidenza. Titwila lejn l-artiklu 'Dan l-Aħħar' tinduna kemm isir xogħol fi tliet xhur biss. X'ma narawhx għaddej malajr iż-żmien!

Ftit tax-xhur ilu nibtet l-idea fl-uffiċċju tagħna li jsir artiklu dwar l-ewwel grupp ta' Pulizija nisa li daħlu fil-Korp. Ovvjament idea tajba, iżda li tinvolvi ħafna xogħol, riċerka u kuntatti. Għaldaqstant iddeċidejna li artiklu li ħa daqshekk xogħol u li huwa daqstant interessanti bix-xieraq li nippubblikawh fix-xahar li fih il-ġurnata ddedikata għan-nisa. L-artiklu tajnieh il-prominenza li tixraqlu f'nofs dan il-magażin.

Minn hawn nixtieq nirringrazzja l-ewwel nett lil Maria u lil Salvina li aċċettaw l-istedina tagħna u qattgħu kważi ġurnata sħiħa magħna, kif ukoll liż-żewġ kollegi li ħadmu fuq inizjattiva personali biex għamlu din il-ġurnata u dan l-artiklu possibbli għalikom. Li jkollok opportunità li tiltaqa' ma' żewġ eks-Pulizija li għandhom daqstant x'jirrakkuntaw kienet esperjenza sabiħa għalina lkoll. Għal min ġietu l-kurżità dwar ir-ritratt tal-faċċata tal-magażin, dik kienet il-laqgħa bejn l-ewwel WPC 1 u WPC 4 u l-aħħar WPC 1 u WPC 4 li għandna fil-Korp bħalissa, differenza ta' bejn wieħed u ieħor 60 sena.

Flimkien mal-artikli interessanti relatati mal-Istorja tal-Korp, f'din l-edizzjoni inkludejna artiklu relatat mal-Istorja inġenerali tant kbira li għandna f'pajjiżna u li xi kultant lanqas biss aħna konxji tagħha aħseb u ara kemm napprezzawha biżżejjed.

Jidher li l-appell għal suġġerimenti u artikli li għamilt fl-aħħar edizzjoni ntlaqa'. Din l-edizzjoni hija ppakkjata, l-ispazju huwa ristrett u għaldaqstant minn edizzjoni għal oħra ħa nippruvaw ninkludu l-materjal kollu li nkunu ppjanajna aħna flimkien ma' dak li tkunu tixtiequ intom. Inħeġġukom sabiex tibqgħu tibagħtulna s-suġġerimenti tagħkom. Grazzi

L-Editur

rodienne.bartolo@gov.mt

ADVERT

advert

# Dan l-aħħar...

minn WPC 25 Charlene Cilia - CMRU

Il-Kummissarju tal-Pulizija nhar il-25 ta' Novembru 2016, laqa' lill-Ministru Carmelo Abela ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, propju fl-uffiċċju fejn jinżammu l-kondotti. Hemmhekk l-Onorevoli Ministru spjega lill-ġurnalisti preżenti li l-applikazzjoni għaċ-ċertifikat tal-kondotta tal-Pulizija tista' ssir *online*. Fil-fatt dawk b'karta tal-identità Maltija, permezz tas-sistema *e-id* jistgħu japplikaw għall-kondotta *online* u jirċevuha fil-kumdità ta' darhom mingħajr ma jmorru fiżikament fl-uffiċċju tal-kondotti tal-Pulizija, il-Furjana.



Il-Ministru Abela filwaqt li ta rendikont tal-ħidma li jagħmel dan id-dipartiment, irringrazzja lill-Pulizija tal-Uffiċċju tal-Kondotti ta' xogħolhom.

Fl-24 ta' Diċembru 2016, il-Ministru Carmelo Abela żar lis-Sezzjoni tal-Pulizija tat-Traffiku ġewwa l-garaxx tal-Pulizija, il-Floriana.

Filwaqt li flimkien mal-Kummissarju tal-Pulizija rringrazzja lill-membri tal-Korp għall-ħidma tagħhom speċjalment f'dawn il-ġranet ta' festi, il-Ministru appella għal divertiment responsabbli u rispett lejn il-forzi tal-ordni. Esprima wkoll kliem ta' gratitudni u ta' ringrazzjament lejn il-membri l-oħra kollha tal-forzi tal-ordni, għas-sagrifiċċji kollha tagħhom favur il-protezzjoni tas-soċjetà.



Fil-21 ta' Diċembru 2016, ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija ġiet inawgurata *Children Interactive Area* li hija kamra b'ambjent komdu għall-vittmi minuri li jkunu intervistati mill-Pulizija tat-Taqsima kontra l-Vizzji. Il-Ministru tal-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali Carmelo Abela inawgura din il-kamra u fid-diskors tiegħu semma kif il-Pulizija għarfet il-bżonn li toffri lil dawn it-tfal post b'ambjent aktar akkoljenti u addattat sabiex itaffi xi ftit l-effett tat-trawma li jkunu għaddew minnha u jħossuhom aktar komdi waqt li jkunu qed jiġu mitkelma mill-Pulizija.



Preżenti mal-Ministru kien hemm il-Kummissarju tal-Pulizija, l-Assistent Kummissarju Silvio Valletta kif ukoll is-Supretendent Dennis Theuma fost aktar uffiċjali tal-Pulizija. L-Ispettur Joseph Busuttil stazzjonat fit-Taqsima ta' kontra l-Vizzji appella lil dawk kollha li jkunu jafu b'każijiet ta' minuri li jkunu vittmi ta' xi reat sabiex ma jibżgħux jitkellmu b'mod partikolari mal-Pulizija.

---

Fid-29 ta' Diċembru 2016, is-Sur Angelo Gafà ġie maħtur bħala l-ewwel Kap Eżekuttiv tal-Korp tal-Pulizija. Huwa ġie maħtur mill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali Carmelo Abela. Dan sar wara sejħa pubblika li ġiet segwita minn proċess tal-għażla. Is-Sur Gafà ser ikun responsabbli mill-amministrazzjoni tal-Korp tal-Pulizija u flimkien mal-Kummissarju tal-Pulizija se jaħdem biex tiġi implimentata l-viżjoni tal-Korp.



Ritratt: John Pisani - MHAS

Is-Sur Angelo Gafà għandu 37 sena u ilu jservi fil-Korp tal-Pulizija għal dawn l-aħħar erbatax-il sena. Fl-2004 huwa kien ġie kkummissjonat bħala Spettur fi ħdan it-Taqsima ta' Kontra r-Reati Ekonomiċi. Għal dawn l-aħħar tliet snin u nofs huwa kien issekondat mas-Servizzi tas-Sigurtà Maltija, bl-aħħar kariga tkun dik ta' Assistent Kap.

Mal-ħatra tiegħu, is-Sur Gafà qal li huwa qed iħares 'il quddiem lejn din il-kariga b'determinazzjoni bl-għan għal iżjed Korp tal-Pulizija effettiv, Korp li bih iċ-ċittadin iħossu aktar protett.

ADVERT

advert

Fit-8 ta' Jannar 2017 propju fil-ġurnata tal-Ħadd, ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija saret iċ-ċerimonja ta' premjijiet lill-Pulizija li ddistingwew ruħhom b'għemilhom waqt il-qadi ta' dmirijiethom matul is-sena 2016. F'din iċ-ċerimonja jingħataw ukoll ċertifikati ta' servizz flimkien ma' tifkira ta' apprezzament lill-eks membri tal-Korp li rtiraw bil-pensjoni wara li servew għal 25 sena jew aktar.



L-aktar premju mistenni u li jqanqal kurżità huwa dak tal-Pulizija tas-sena li ngħata lil PS 601 Justin Spiteri. Is-Surġent Justin ġie ppremjat b'dan l-unur wara li waqt li kien xogħol mar-*Rapid Intervention Unit* irnexxielu jwaqqaf u jieħu arma tan-nar minn idejn persuna li kienet qed thedded membri oħra tal-Korp. Apparti dan, huwa ġie ppremjat ukoll talli f'Mejju tas-sena 2016 waqt li ma kienx xogħol u kien fir-residenza privata tiegħu, irnexxielu jferraq żewġt irġiel armati wara li kellhom argument bejniethom.

Premju ieħor mistenni huwa x-*Shield* għal dak id-distrett li jirnexxilu jnaqqas l-akbar persentaġġ tar-rata ta' kriminalità. Dan intrebaħ mid-Distrett ta' San Ġiljan.

Il-Ministru Carmelo Abela flimkien mal-Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur Lawrence Cutajar mexxew din iċ-ċerimonja fejn minbarra li ppremjaw lill-Uffiċjali, għamlu diskors tagħhom lil dawk preżenti li fosthom kien hemm diversi uffiċjali għolja fi ħdan il-Korp.

Il-Ministru Abela ddeskriva l-ġurnata bħala waħda ta' sodisfazzjon għax ġie ċċelebrat it-tajjeb li jsir fil-Korp tal-Pulizija matul is-sena u x-xogħol u s-servizzi li jsiru fil-pajjiż li mhux dejjem inkunu nafu bihom.

Il-Kummissarju tal-Pulizija qal li dan ix-xogħol jikkumplimenta l-missjoni tal-Korp li żżomm lil Malta stat sigur, filwaqt li tkellem dwar l-importanza tal-għaqda fost il-membri u rringrazzja lil kull membru għad-dedikazzjoni tiegħu. Irringrazzja wkoll lill-membri rtirati tal-Korp wara karriera twila ta' 25 sena ta' servizz lejn is-soċjetà.

Minn hawn nifirħu lill-membri kollha li ngħataw premju ta' rikonoxximent għal ħidmiethom, kif ukoll nirringrazzjaw lil dawk l-eks membri li ngħataw iċ-ċertifikat kif ukoll il-premju tas-servizz twil li wettqu fi ħdan il-Korp tal-Pulizija.





Il-Ministru tal-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali Carmelo Abela għamel żjara lix-xogħlijiet ta' rinovar li għaddejjin bħalissa fl-għassa tal-Pulizija ta' Birżebbuġa. Jilqgħuh kien hemm il-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Lawrence Cutajar, il-Kap Eżekuttiv tal-Korp tal-Pulizija s-Sur Angelo Gafà kif ukoll uffiċjali għolja ingarigati mid-Distrett numru 5.

Din iż-żjara saret nhar id-9 ta' Frar 2017 u hemmhekk il-Ministru Abela indirizza l-persuni preżenti fejn qal li ġie mniedi program ta' rinovar u mmodernizzar tal-għases distrettwali tal-Pulizija li ħa jwassal għal ambjent aktar dinjituż u li joffri servizz aħjar. Il-Ministru spjega kif attwalment ix-xogħol li qiegħed isir fl-għases imur lil hinn minn manutenzjoni. Qed isiru xogħlijiet kbar fejn l-għases qed jinqalgħu ta' taħt fuq. Ix-xogħol li qed isir qed jara bidla fis-sistema ta' dawl, ilma, drenaġġ flimkien ma' qlugħ ta' madum, tikħil u installazzjoni ta' arja kkundizzjonata. Apparti li qed isiru xogħlijiet fis-sistemi tan-*networks* tat-teknoloġija tal-informatika qed tingħata attenzjoni lis-sigurtà fl-għases permezz ta' installazzjonijiet ta' CCTV *cameras* li huma tant bżonnjużi. L-aċċessibilità wkoll qed tiġi indirizzata u għaldaqstant beda jsir xogħol fl-għases biex dawn isiru wkoll aċċessibbli għal persuni b'diżabilità.

---




Bejn il-21 u t-23 ta' Frar 2017, il-Korp tal-Pulizija nieda s-*CEPOL Presidency Course* bit-titlu: *Preventing Radicalisation and Violent Extremism in the EU: Strenghtening the Member States' Response*. Dan il-kors inżamm f'lukanda ewlenija f'San Ġiljan.

Għal dan il-kors, li nfetaħ mill-Assistent Kummissarju Mario Spiteri bħala l-Kap tas-*CEPOL National Unit* ta' Malta, attendew għalih 27 parteċipant minn diversi stati tal-Unjoni Ewropea fosthom it-Turkija li segwew it-taħriġ tagħhom mingħand esperti lokali u barranin fosthom mill-Portugal, Spanja, ir-Renju Unit, l-FBI, ir-RAN u l-Europol.

Il-kors kien immexxi mill-Ispettur George Cremona mit-Taqsima ta' Kontra t-Terroriżmu (CTU) fejn mir-rispons li rċivejna mid-diversi parteċipanti, ilkoll uffiċjali fil-qasam ta' kontra t-terroriżmu f'pajjiżhom, dan kien ta' suċċess kbir kemm min-naħa ta' loġistika u kemm min-naħa ta' kontenut.

---

L-Iskwadra tar-*Rapid Intervention* ġiet mgħammra bi flotta ta' 23 vettura ġdida li nħarġu fit-toroq nhar il-Erbgħa 22 ta' Frar 2017 wara inawgurazzjoni li seħħet ġewwa l-Kumpless tar-*Rapid Intervention Unit* ġewwa Ta' Kandja.

Jattendu għal din iċ-ċerimonja kien hemm il-Ministru tal-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali Carmelo Abela, il-Kummissarju tal-Pulizija Lawrence Cutajar kif ukoll diversi uffiċjali għolja fi ħdan il-Korp. Fr Raymond Bonniċi, il-Kappillan tal-Korp tal-Pulizija, fetaħ din iċ-ċerimonja permezz ta' talba u t-tberik tal-vetturi.




Il-Ministru Abela saħaq fuq l-importanza li nsaħħu s-sorveljanza fil-pajjiż li sabiex dan iseħħ, trid tissaħħaħ il-Pulizija. Huwa spjega kif mill-40 vettura tal-għamla Ford Focus li kienu ntużaw waqt iċ-CHOGM u l-Valletta SUMMIT, 23 minnhom ġew mgħammra għall-Iskwadra tar-*Rapid Intervention* sabiex ikomplu jgħinu fil-ħidma imprezzabbli li din l-iskwadra diġà tagħmel. Kompla jżid li din l-iskwadra hija waħda effettiva u dan jidher mill-figuri tal-istatistika li turi r-riżultat tad-diversi ħidmiet li twettaq din l-iskwadra. Huwa għalaq billi rringrazzja lill-uffiċjali li jmexxu din l-iskwadra kif ukoll lill-membri kollha tagħha.

magazine.police@gov.mt

ADVERT

ADVERT

# Jum iddedikat lin-Numru tal-Emerġenza 112

minn WPS 280 Louise Camilleri - CMRU

Bħal kull sena, il-ġurnata tal-11 ta' Frar hija dik il-ġurnata li fiha nfakkru n-Numru tal-Emerġenza 112. Peress li din is-sena l-ġurnata tal-11 ta' Frar ġiet is-Sibt u għal ħafna persuni s-Sibt hija ġurnata ta' mistrieħ, l-attività li kull sena tiġi mtellgħa flimkien mal-Forzi Armati, mal-Protezzjoni Ċivili kif ukoll mad-Dipartiment tas-Saħħa seħħet nhar it-Tnejn 13 ta' Frar 2017. Ngħiduha kif inhi, il-persuni li jaħdmu sabiex jiffunzjona s-servizz tal-emerġenza u jagħtu s-servizz li jirrikjedi n-numru tal-emerġenza m'għandhomx Sibt u Ħadd.

Din is-sena l-attività saret fl-istazzjon tat-tifi tan-nar fix-Xemxija, fejn studenti mill-iskejjel primarji ta' San Pawl il-Baħar u ta' Ħal Għaxaq qattgħu nofstanhar, fejn fost attivitajiet varji huwa ġew infurmati dwar l-użu importanti ta' dan in-numru.

It-tfal li kien hemm preżenti ġew mgħarrfa li n-numru tal-emerġenza joffri serħan tal-moħħ lill-pubbliku f'każ ta' emerġenza u meta persuna jkollha bżonn l-għajnuna imminenti u għaldaqstant dan in-numru għandu jintuża biss f'każijiet ġenwini u mhux jiġi abbużat.

Għal din l-okkażjoni, membri mill-Korp tal-Pulizija, mill-Forzi Armati u mill-Protezzjoni Ċivili ngħaqdu flimkien sabiex din l-attività tkun possibbli. L-istudenti wrew entużjażmu kbir speċjalment mal-Pulizija, fejn rikbu fuq iż-żwiemel mis-Sezzjoni tal-Kavallerija, fuq muturi tat-Taqsima tat-Traffiku, fil-vettura tar-*Rapid Intervention Unit* kif ukoll ħadu gost jilagħbu mal-klieb tal-Pulizija.

Bħalissa qiegħda ssir ħidma sabiex tiġi żviluppata applikazzjoni tal-mowbajl ddedikata għas-servizz tal-emerġenza. Bis-saħħa ta' dan is-servizz – *112mt mobile application*, il-pubbliku ser ikun jista' jibda jagħmel użu minn din l-applikazzjoni għal kull għajnuna li jkollu bżonn f'każijiet ta' emerġenza kemm permezz ta' sms u anke tat-telefonati.

Preżenti waqt din l-attività kien hemm il-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali s-Sur Carmelo Abela.

louise.b.camilleri@gov.






# Intervista ma' PC 466 Paul Mercieca dwar in-nomina tal-Premju Nazzjonali Ħaddiem tas-Sena 2016

minn WPS 96 Rodienne Bartolo Haidon - CMRU

PC466 Mercieca jew kif inhu magħruf aħjar mal-Pulizija, Pawlu tal-PCO, daħal fil-Korp f'Ottubru tas-sena 1982 u għal 34 sena sħaħ kien dejjem inkarigat mis-seduta tat-traffiku fi ħdan l-imsemmi uffiċċju (*Principal Citations Office*).

Ftit tax-xhur ilu, il-kollegi ta' PC 466 infurmawh li kienu nominawh għall-Premju Nazzjonali Ħaddiem tas-Sena. Dan il-premju jirrikonoxxi u jiċċelebra x-xogħol fejjiedi u eżemplari li jsir minn ħaddiema f'kull sfera u kategorija tad-dinja tax-xogħol bil-għan li jiġi muri x-xogħol tajjeb li qegħdin jagħmlu.

Il-premijiet huma maqsuma f'6 kategoriji differenti; il-Ħaddiem tas-Sena, Tim tas-Sena, Maniġer tas-Sena, *Employer* tas-Sena u Intrapriża tas-Sena – Saħħa u Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol u l-kategorija tal-Ħaddiem Mudell tas-Sena.

Iltqajt ma' Pawlu sabiex jagħtina iżjed dettalji ta' kif żvolġiet din in-nomina.

**Ta' min kienet l-idea li tiġi nominat għal dan il-premju u x'kienet ir-reazzjoni tiegħek meta infurmawk?**

'L-idea kienet ta' sħabi tal-uffiċċju, fosthom ta' WPS 273 K. Cassar, PC 1414 G. Mercieca u anke tal-eks SM Monreal. Għall-ewwel ma ridtx li nieħu sehem. Dakinhar għetilhom, għalfejn jien?
Hawn ħafna min jagħmel xogħol iżjed minni. Imma qaluli li kienu diġà bagħtu l-formola u n-nomina kienet lesta!'



**F'liema kategorija ġejt nominat?**

'Jien ġejt nominat fil-kategorija tal-Ħaddiem Mudell tas-Sena, konna madwar disgħa fil-bidu, il-formola ġiet riferuta lill-bord li jagħmel evalwazzjoni dettaljata u anke jiġu fuq il-post tax-xogħol fejn tkun taħdem sabiex jarawk u jkellmu lill-kollegi. Fl-aħħar spiċċajna tlieta finalisti. Jien kont wieħed minnhom.'

**Kif tiddeskrivi l-esperjenza taċ-ċerimonja?**

'Iċ-Ċerimonja kienet fid-9 ta' Diċembru 2016 u għaliha attendew sħabi kollha tal-uffiċju, inkluż l-Ispettur. Esperjenza li tibqa' tiftakarha, speċjalment il-*feedback* li kelli wara. L-ammont impressjonanti ta' kummenti pożittivi fuq facebook minn membri, ex-kollegi u ħbieb. Fl-aħħar tas-serata jien ġejt iddikajrat *runner-up* tal-kategorija li ħadt sehem fiha.'

**X'taħseb li kienet ir-raġuni li l-kollegi tiegħek waslu biex innominawk għal din il-kategorija?**

'Mid-dehra, dak li għalija kien xogħol normali, f'għajnejhom ma kienx! Jien għalija ma nkun qed nagħmel xejn speċjali għax nagħmel xogħoli u ngħin lil min jitlobni l-għajnuna, anke jekk ma jkunx neċessarjament is-settur tiegħi. Huma deherilhom li jien qed inkun ta' eżempju u qed immur lil hinn minn dak li hu d-dover tiegħi. Nixtieq li permezz ta' dan l-artiklu nwassal messaġġ; infurmawni li kien ilu ħafna ma jkun hemm Pulizija nominat għal dan il-premju. Nixtieq li l-Korp isir iżjed *aware* ta' dawn il-premijiet, għax jien nara potenzjal kbir f'ħafna kollegi oħra li jixirqilhom li jkunu nominati għal dan il-premju. Din esperjenza li ma tinsihix, tiltaqa' ma' nies differenti u taqsam bosta esperjenzi magħhom dwar ix-xogħol'

Żewġ karatteristiċi li ma tistax ma tinnutax f'Pawlu huma s-sens ta' dixxiplina u umiltà u għaldaqstant din l-intervista għalaqtha bi struzzjonijiet ċari mingħand Pawlu, sabiex jekk ħa nuża xi ritratti għal ma' dan l-artiklu nuża' dak ir-ritratt li fih Pawlu jidher bi trofew flimkien mal-kollegi tiegħu.

'Mingħajrhom din l-esperjenza ma kinitx tkun possibbli', temm jgħidilna.

rodienne.bartolo@gov.mt

ADVERT

ADVERT

Dear Commissioner of Police,

I would like to show my appreciation with gratitude to two Police Officials that assisted me and solved a case that I reported to the Birkirkara Police.

Though case was not easy to solve, suspect was finally found and case solved.

I would like to thank Superintendent Kevin Farrugia who got to know that a similar incident was being investigated by Inspector Johan Fenech of Zejtun Police Station.

Inspector Johan Fenech through his efforts and hard work, even though it was not his workplace area, solved my case.

The Police Force should be proud of these officers for their commitment and dedication.

---

The Officer I/c
Sliema Police Station

31 October, 2016

Last Friday, at about 7.00 a.m., my 77 year old wife Haroldine panicked and fell on the Zebra Crossing as she was behind a Post Office van which she thought was going to reverse on her.

On her behalf and myself, I wish to thank the kind Policeman who helped her and volunteered to drive her to our flat to inform me about the accident, as I am 83 years old and housebound, and then drove her to the Gzira Polyclinic for medical attention for dislodged fingers and bruises on her face and head. From there she was sent by ambulance to Mater Dei Hospital where she was found to be suffering from a slight concussion and kept for further observations and tests; she was released the day after.

In view of her confused state after she fell, my wife did not ask for the Policeman's name or number; hence this letter of thanks to a worthy member of the Force. Well done. God bless you all.

Sincerely,

---

Lill Kummisarju tal-Pulizija
Kwartieri Generali tal-Pulizija
Pjazza San Kalcidon
Il-Furjana, Malta

It-Tlieta 8 ta' Novembru, 2016

Sur Kummisarju;

Nixtieq permezz ta din l-ittra nirringrazzja pubblikament lis-Surgent tal-Pulizija is-Sur Jonathan Vella PS 820 ta dedikazjoni li juri f'xoghlu.

Wara diversi jiem ta osservazzjoni ghaddejt informazzjoni lil dan is-Surgent li hemm xi persuni barranin jghassu biex jisirqu. Malli ghaddejt l-informazzjoni ha l-passi mill-ewwel. Bdiet hidma ta sorveljanza mar-rahal t'Ghajnsielem. Nhar l-Erbgha 2 ta Novembru, 2016 resident fi Triq Guzeppi Cali ra tlett persuni suspettuzi, malli kellna l-informazzjoni bghatt lis-Surgent biex jkompli jghasses din iz-zona partikulari f'Ghajnsielem.

It-Tnejn 7 ta' Novembru, 2016 sar l-arrest ta persuni li kienu suspetuzi. Kien f'waqthu l-intervjent tas-Surgent PS 820 biex dan l-arrest jsehh u jkun f'waqthu.

Ghalhekk, nerga nirringrazzja lis-Sur Vella u lil Pulizija shabu biex tirrenja s-sigurta u l-paci pubblika. Nitolbok biex jkun hemm aktar rondi bil-mixi, bil-karozzi u b'muturi fir-rahal. t'Ghajnsielem, ghaliex qieghed jkollna zieda allarmanti ta persuni barranin li jkunu perikoluzi. Naf li mhux facli imma perswaz li l-hidma ser tkompli u r-rondi jkunu ta detterent ghall hallelin u persuni li jkunu ser jaghmlu xi att kriminali.

---

Ghaziz Sur Kummissarju

Nixtieq nesprimi ruhi billi nghid prosit lil WPC 313 Christine Bonnici kif ukoll lil PS 991 Alex Gauci li dan l-ahhar kelli bzonn servizz taghhom fejn mort l-Ghassa l-Hamrun biex nkellimhom u kienu ta' ghajnuna kbira u jafu x'qed jaghmlu ezatt lejn ic-cittadin. Ghalhekk permezz ta' dawn il-kelmtejn, nerga nfahhar il-hidma taghhom u nitolbok tghaddili dan il-messagg.

Tislijiet

---

Dear Insp. i/c CMRU,

I am writing this letter to show my sincere appreciation to the Malta Police Force for granting me access to its information in relation to my B.A Hons. Criminology dissertation. Moreover, I wish to express my deepest gratitude to the Cultural Heritage Crime Unit for their utmost cooperation during this endeavour. In spite of their busy schedules they always managed to attend to my queries and requests courteously and professionally.

Last but not least I am thankful for having had the opportunity to interview Inspector Saviour Baldacchino, since his contribution to my research proved to be indispensable. I am also grateful, for his availability during the past months, the shared knowledge and for the interest shown in my work. I sincerely appreciate all his efforts and commend the dedication and enthusiasm shown on his job especially with regards to cultural property crime.

---

Malta International Airport plc,
Luqa LQA 4000, Malta

MALTA INTERNATIONAL AIRPORT

Tel: +356 2124 9600
Fax: +356 2124 9563
E-mail: info@maltairport.com
www.maltairport.com

9th November, 2016

Mr Lawrence Cutajar
Police General Headquarters
San Kalċidonju Square
Floriana

Dear Mr Cutajar,

On behalf of all at Malta International Airport, I would like to express my heartfelt appreciation for your team's invaluable contribution during the course of the 24th of October, in response to the Fairchild Metroliner crash.

The great teamwork, efficiency, and professionalism exhibited by your team, as well as all the other agencies involved on the day, highlighted our preparedness for an emergency scenario.

In the meantime, we have commissioned an internal post-mortem report to present us with a proper evaluation of our response on the day. As a key player, we will be asking you to submit any feedback you may have in due course, as this will help us further fine-tune our emergency response and tighten our collaboration.

Finally, I would like to thank you and the rest of your team once again for helping us bring airport operations back to normal swiftly on the day of the accident.

Yours sincerely,

Alan Borg
Chief Executive Officer

cc. The Hon. Carmelo Abela, Minister for Home Affairs and National Security
Ing. Martin Dalmas, Head of Airport Operations
Mr Patrick Murgo, Head of Security Services

# Fondi u Assoċjazzjonijiet fi ħdan il-Korp

mis-Surġent-Maġġur 1133 Joseph Borg - Kwartieri Ġenerali

***Mutual Help Association***

Kull ħaġa li l-bniedem joħloq fl-ambjenti tiegħu sabiex itejjeb il-qagħda tal-għixien, b'mod ġenerali tispiċċa biex maż-żmien donnu tindara u qajla jgħaddilu minn moħħu x'kien l-għan inizzjali u l-istorja marbuta magħha. Min-naħa waħda jaf japprezza aktar il-*bona fede* u l-ħsieb li kien hemm wara kull inizjattiva benevolenti waqt li min-naħa l-oħra, minħabba ċertu żviluppi soċjali u deċiżjonijiet politiċi li jkunu ttieħdu matul is-snin, jaf jistaqsi jekk fil-kuntest u ċ-ċirkostanzi taż-żmien, għadiex tinħass din in-neċessità u għalhekk l-obbligu ta' kontribuzzjonijiet.

Sa fejn naf jien u naħseb li hekk hu, m'hawn ebda dipartiment ieħor tal-Gvern jew xi entità oħra li għandhom dan il-fond partikulari. Qabel xejn tajjeb li jingħad illi din l-Assoċjazzjoni ma kellha x'taqsam xejn mal-*Malta Police Association* lura fiż-żmien meta twaqqfet. Fil-fatt kif ser naraw, il-*M.H.A.* inħolqot ħafna żmien qabel l-*M.P.A.*

Minħabba li ma jeżistux dokumenti dwar kif twaqqfet din l-Assoċjazzjoni, għad li seta' kien hemm, ser jingħad dan li ġej skont it-tradizzjoni u li dwaru jien stess kont smajt mingħand xi anzjani snin ilu.

Kien fis-sena 1926 meta mara li kien għadu kif miet żewġha li kien Pulizija, marret il-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija (dak iż-żmien kien fejn illum insibu Dar il-Mediterran), sabiex tipprova tiġbor xi ħaġa tal-flus għall-ispejjeż tal-funeral tiegħu. Dan minħabba li din il-povra mara, li kienet għadha kif ukoll saret armla, ma kelliex imnejn tħallas għall-ispejjeż tal-funeral. Hi kienet ġiet infurmata li ma kien hemm ebda fondi għal dan il-għan, iżda qalulha wkoll li kien sejjer isir dak kollu possibbli sabiex tingħata l-għajnuna f'dawk iċ-ċirkostanzi. Bil-każ ta' din l-armla kien ġie infurmat il-Kummissarju u sarlu wkoll rapport biex intalab permess sabiex isir il-ġbir. Il-ġbir kien sar mill-uffiċjali u mill-'messes' li kien hemm ġewwa d-Depot. Il-Kummissarju, il-Maġġur Frank Stivala, kien l-ewwel wieħed li ta l-kontribut tiegħu għal din il-ġabra. Miegħu kif għidt, għamlu l-istess id-diversi uffiċjali u finalment inġabret is-somma ta' madwar għoxrin lira. Wara li kien inqala' dan il-każ, sintendi kienet ġiet naturali l-idea li tkun ħaġa xierqa li kieku kull membru tal-Korp jikkontribwixxi xi ħaġa għal dan il-għan. Fil-fatt kien ġie stabbilit li jsir ħlas ta' żewġ xelini u sitt soldi mingħand kull wieħed, biex meta jmut xi membru tal-pulizija tingħata somma ta' flus lill-familja tiegħu. Tfasslu r-regolamenti u wara li ġew approvati mill-Kummissarju, intbagħtu lill-Avukat tal-Kuruna (A.G.) għall-opinjoni tiegħu qabel jiġu ppubblikati. Kienet tqassmet ċirkulari biex tispjega l-għan u kif ser taħdem din l-Assoċjazzjoni. Peress li fil-bidu s-sħubija f'din l-Assoċjazzjoni kienet waħda libera għal dawk li xtaqu jissieħbu kienet saret lista tagħhom. L-idea dehret li kienet intgħoġbot u ftit taż-żmien wara saret obbligatorja. Kien inħatar avukat sabiex jassigura li l-benefiċċji jingħataw skont il-liġi. Fil-bidu, in-numru ta' dawk li kienu jikkontribwixxu f'dan il-fond kien ta' madwar sitt mija u s-somma miġbura kienet tlaħħaq għal madwar ħamsa u sebgħin lira.

**Kif bdiet taħdem**

L-Assoċjazzjoni kienet ikkontrollata mill-Kummissarju, li issa kif għidt, kienet bdiet tħaddan fiha l-membri kollha tal-Korp. Kull membru kien obbligat li jikkontribwixxi f'dan il-fond sakemm jibqa' fil-Korp bil-ħlas ta' tmintax irbiegħi (tnax-il ċenteżmu u ħames milleżmi *– kif kienet sal-1977) għal kull membru li jmut li jkun għadu jservi, kif ukoll jekk ikun pensjonant. Min kien jispiċċa bil-pensjoni ma kienx jibqa' obbligat li jikkontribwixxi għal dan il-fond, iżda d-dipendenti jew qrabat tiegħu jitilfu kull dritt ta' benefiċċju f'każ li dan imut. La darba eks membru kien jiddeċiedi li ma jibqax aktar membru tal-Assoċjazzjoni barra li kien jitlef id-dritt għal dak li semmejt, ma kien ikollu wkoll ebda dritt li jiġi rifuż b'xi flus u l-istess għad-dipendenti. L-ammont tas-somma mħallsa minn dan il-fond lill-qraba ta' membru li jkun miet kien ivarja minn xahar għal ieħor. Ir-raġuni ewlenija kienet tiddependi min-numru ta' kontributuri. Maż-żmien kien beda jiġi wkoll ippubblikat avviż mill-Assoċjazzjoni sabiex tinforma lil min tkun ħallset bħala kontribuzzjonijiet f'kull xahar partikulari.

### Kif kienu jinġabru l-fondi

Mingħand il-membri kienet tintalab kontribuzzjoni darba kull tliet xhur (xahrejn bil-quddiem), mentri lill-pensjonanti, kull meta kien imut xi membru ta' din l-Assoċjazzjoni, kienet tintbagħtilhom ittra mill-Uffiċċju tal-Kaxxier, fejn f'din l-ittra kien ikun hemm l-isem tal-membru nieqes, in-numru, ir-rank u d-data tal-mewt. Meta l-pensjonant kien jirċievi l-ittra, kien irid iħallas fi żmien ħmistax-il ġurnata tmintax irbiegħi għal kull membru li jkun miet skont l-ittra. Iżda s-somma li kienet trid titħallas mill-pensjonant ma kinitx taqbeż f'kwalunkwe każ il-ħames xelini (ħamsa u għoxrin ċenteżmu*) f'xahar wieħed. Il-ħlas kien isir ġewwa d-Depot mill-pensjonant innifsu jew billi jibgħat lil xi ħadd. Pensjonant seta' wkoll jagħmel depożitu liberu ta' flus u kull darba li tintbagħtlu ittra tintbagħtlu rċevuta fejn fuqha jitniżżlu wkoll il-bilanċ tad-depożitu milli jkun fadal. L-avukat tal-Assoċjazzjoni kien jassigura li l-benefiċċju lill-werrieta tal-membri li jkunu mietu jitqassmu skont il-liġi. Tax-xogħol legali, l-avukat kien jitħallas mill-fond tal-Assoċjazzjoni. Min-naħa tal-werrieta kien ikun id-dmir li jgħaddu lill-avukat id-dokumenti li jitlobhom, bħaċ-ċertifikat tal-mewt, kopja tat-testment, firem tal-werrieta, prokuri fejn kien ikun hemm, eċċ. Imbagħad wara li ssegwi proċedura jinħareġ ċekk bl-ammont ta' benefiċċju skont ma jirrakkomanda l-avukat. Ir-rapport tal-mejjet kien isir minn xi qarib tiegħu fl-uffiċċju tal-kaxxier stess, ġewwa d-Depot, b'ċertifikat tal-mewt mingħand il-kappillan.

Fuq osservazzjoni tal-Kummissarju Claude W. Duncan, minħabba li kien hemm ammont ta' membri li ma jikkontribwixxux u għalhekk ma jibbenefikawx minn dan il-fond, kif ukoll minħabba li għal xi raġuni ma kinux baqgħu jitħallew jinkitbu aktar membri - irrakkomanda t-twaqqif ta' fond ieħor minflok dak li kien hemm sabiex ikunu jistgħu jinkitbu l-membri kollha.

Għalhekk, il-*General Fund* ma kienx l-ewwel fond privat imwaqqaf, iżda dan kien l-ewwel wieħed bil-ħsieb li jissieħeb fih kull membru. L-għan tiegħu


...subscribers by the Hon. Treasurer.

13. The Hon. Treasurer will keep a register up to date in which will be shown the name, rank, address and other particulars of every member of the Association.

14. All the declaration forms signed by members of this Association shall be filed with the attestation papers in the Adjutant's Office.

**Agreement**

I, the undersigned, do hereby declare that I am willing to join the Malta Police Mutual Help Association instituted with the object of assisting the dependants of members of the Police Force or such other person or persons as any member of the Association may at any time legally direct and to abide by the conditions specified above.

...paga tal-imsehbin.

13. It-Teżorier Onorarju iżomm registru aġġornat u fih ikun hemm imniżżel l-isem, il-grad, l-indirizz u ħwejjeġ oħra ta' kull Membru f'din l-għaqda.

14. Il-formoli kollha tad-dikjarazzjoni iffirmati mill-Membri ta' din l-għaqda jiġu miġburin u miżmumin flimkien mad-dokumenti taċ-ċertifikat fl-Uffiċċju tal-Ajjutant.

**Dikjarazzjoni tal-Patt**

Jiena li hawn taħt iffirmajt ismi nistqarr illi rrid nidħol sieħeb fil-*Malta Police Mutual Help Association* imwaqqfa bil-ħsieb li tgħin lil dawk li jiddipendu mill-qligħ jew paga tal-membri tal-Korp tal-Pulizija jew lil dak il-bniedem jew nies illi kull Membru ta' din l-għaqda jista' f'kull żmien jagħżel skond il-liġi biex jiġbru s-somma ta' flus maħruġa minn din l-għaqda u nistqarr ukoll li jiena għandi nogħod għall-kondizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Name and Surname / *Isem u Kunjom*: Anthony [illegible]

Rank / *Grad*: 3/P.C. 838.

Station / *Stazzjon*: P.H.Q.

Date / *Data*: 30th August, 1955.

Signature of witness not below the rank of an Inspector. / *Firma ta' xhud, m'hux inqas mill-grad ta' Spettur.*: [illegible] C of P.

MALTA

### Fondi oħra – Ir-*Reward* u r-*Relief Fund*

Il-Pulizija f'xi żmien, ċirka 1910 kellha wkoll fond ieħor privat ta' kontribuzzjonijiet tal-membri imsejjaħ *Police Reward* and *Relief Fund* minn fejn kienu jingħataw għotjiet ta' rigali u għotjiet oħra ta' għajnuna lill-membri. Dan kien ikkontrollat minn bord ifformat mill-kaxxier tal-Korp, il-Kmandant tal-Pulizija u xi membri maħtura mill-Gvern. Maż-żmien, f'dan il-fond kien ġie inkorporat fond ieħor li kellu l-Korp, bl-isem *Widows and Orphans Pension Fund.* Dan ma kellu x'jaqsam xejn ma' dak li kien twaqqaf snin wara għall-impjegati tal-gvern, għalkemm b'isem simili kien ta' benefiċċju għall-istess membri. Hawn nerġa' nfakkar illi kemm il-mezzi kif ukoll il-ħtiġijiet personali tal-membri tal-Korp f'dawk iż-żminijiet kienu bil-wisq differenti u qatt ma tista' tipparagunahom ma' ta' dawk li ġew warajhom, inkluż dawk tal-lum, fl-era fejn sar ċertu progress. Għandek żewġ kuntesti b'realtajiet differenti, fejn ġieli wkoll ġew deskritti li kienu pjuttost f'qagħda miżerabbli. Intant is-sottoskrizzjonijiet jew ħlasijiet fil-bidu tiegħu kienu ta' xelin (ħames ċenteżmi) fix-xahar għall-gradi tas-surġent u l-kuntistabbli, waqt li l-fizzjali kienu jħallsu d-doppju, żewġ xelini (għaxar ċenteżmi) fix-xahar.

**Il-Fondi u l-Assoċjazzjoni tal-Pulizija**

L-Assoċjazzjoni tal-Pulizija twaqqfet f'Lulju tal-1955. L-ewwel wegħda li kienet saret sabiex titwaqqaf Assoċjazzjoni tal-Pulizija kienet fil-Manifest Elettorali tal-Partit Laburista tal-1950, fejn taħt it-titlu 'Xogħol ta' Malajr' il-Partit kien wiegħed Federazzjoni tal-Pulizija biex tipproteġi lill-uffiċjali żgħar minn vittimizzazzjonijiet; tiżgura koperazzjoni akbar u ftehim aħjar bejn uffiċjali u subalterni. Iżda waħda mill-għanijiet prinċipali għat-twaqqif ta' din l-Assoċjazzjoni kienet sabiex tamministra l-fond tal-Pulizija kif kien jixraq u skont ir-regolamenti stabbiliti. Bis-saħħa tal-ewwel kumitat ta' din l-Assoċjazzjoni kienu żdiedu l-pagi, biex b'hekk ittejbet xi ftit il-qagħda tagħhom, is-servizz temporanju mir-riservisti beda jgħodd għall-fini ta' pensjoni, min kien jaħdem tnax-il siegħa kuljum sar bi tmin sigħat, il-promozzjonijiet ta' surġenti u spetturi kienu bdew isiru b'eżami, waqt li kienet ingħatat uniformi b'għonq miftuħ, flok dik tal-istil *Chinese collar* li kienet toħolqilhom ċertu skumdità għal ma' dik kif nafuha llum. Intalbet ukoll alternattiva għal multa għax sa dak iż-żmien il-piena f'każi ta' ksur ta' dixxiplina, il-kastig kien il-multa u l-ħabs u la darba ħabs, kienu jridu jitnaqqsu wkoll il-ġranet


Punishment awarded | By whom | Remarks
Four days solitary confinement without pay. | Commissioner of Police 23.XI.38
To forfeit one day of duty. | Commissioner of Police

ta' paga skont kemm l-istess pulizija kien ikun weħel ġranet ta' ħabs.

Dwar dan tal-aħħar hemm ħafna xi tgħid, imma kif rajtu, semmejtu daqsxejn fuq fuq minħabba r-relazzjoni diretta li kellu mal-fondi. Nittama li f'xi ħarġa oħra nitratta aktar dwar dan is-suġġett li huwa wkoll interessanti.

*Il-figuri ta' flus imsemmija fl-artiklu jirreferu għaċ-ċifra tal-flus Maltin użati qabel daħlet l-ewro f'Malta.

joseph.q.borg@gov.mt

ADVERT

ADVERT

ADVERT

# Konsultazzjoni mat-Trejd Unjins Dwar Tibdil fl-Att dwar il-Pulizija

minn PS 612 Theo Vella – Viċi President POU-GWU

F'Novembru li għadda, il-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali l-Onorevoli Carmelo Abela ressaq abbozz ta' liġi biex jirregola l-organizzazzjoni, id-dixxiplina u d-dmirijiet tal-Korp tal-Pulizija. Ftit ġimgħat qabel ressaq dan l-abbozz, il-Ministru kien staqsa liż-żewġ unjins jekk għandhomx xi proposti li jixtiequ jaraw fl-Att biex ikunu jistgħu jiġu diskussi u kkunsidrati. Fil-fatt saru żewġ laqgħat bejn l-unjins u l-Ministru Abela qabel tressaq l-abbozz u saru żewġ laqgħat oħra wara li tlesta mit-tieni qari fil-Parlament, qabel ma mar fi stadju ta' kumitat (fil-Parlament). Id-diskussjoni kienet waħda interessanti u anke fejn ma kienx hemm qbil fuq xi suġġetti, xorta waħda beda jipprova jinstab bilanċ. Fost il-persuni madwar il-mejda kien hemm l-Assistent Kummissarju s-Sur Mario Spiteri, persuna intiża ħafna f'diversi suġġetti u jekk kien hemm mumenti li ma konniex qed naqblu kien hemm rispett reċiproku lejn xulxin.

Fost diversi temi li ddiskutejna fl-abbozz kien hemm ir-responsabbilità ċivili tal-Kummissarju, il-bord ta' governanza tal-Pulizija, il-kap eżekuttiv, l-istatus ta' uffiċjal tal-Pulizija (dwar xogħol barra mill-Korp), il-bord ta' dixxiplina, il-bord tal-Pulizija kif ukoll it-taqsima interna dwar l-awditjar u investigazzjonijiet. Kienu diskussjonijiet ħajja b'veduti differenti skont minn liema angolu tħares lejn il-kwistjonijiet. Ħafna suġġetti eventwalment kien hemm qbil dwarhom waqt li oħrajn le. Dan huwa s-sabiħ tal-konsultazzjoni, mhux biex dak li jkun dejjem jipprova jieħu r-raġun, iżda li jifhem il-parti l-oħra sakemm tinstab soluzzjoni.

**Ir-responsabbilità ċivili tal-Kummissarju**

Kif ħafna mill-membri tal-Korp jafu, is-sena l-oħra nqatgħet sentenza f'kawża ċivili li persuna kienet fetħet kontra membru tal-Korp madwar 21 sena ilu. Qed nitkellmu dwar il-każ tas-Surġent Frank Sciberras, membru tal-Korp li lura fl-1995 kien involut f'każ fejn irriżulta minn żewġ inkjesti li kien ħadem skont il-liġi, iżda l-Qorti ċivili xorta waħda kkundannatu jħallas b'madwar €33,000 danni apparti spejjeż oħra. Fis-sentenza nkwistjoni ħareġ ċar li n-nuqqas kollu kien tal-amministrazzjoni tal-Korp li f'dawk iż-żmenijiet ma kinitx toffri taħriġ adegwat. Bħala POU-GWU tlabna li għandu jkun hemm emendi fil-liġi b'tali mod li jekk tinqala' ċirkostanza simili l-Kummissarju (jew aħjar l-amministrazzjoni tal-Korp) terfa' r-responsabbilità tagħha.

**Il-Bord ta' Governanza tal-Pulizija**

Bħalma kulħadd jaf, il-Korp tal-Pulizija sal-lum qatt ma kellu dik l-entità li tanalizza u tagħti direzzjoni għall-problemi li jkunu qed jiltaqgħu magħhom il-membri tal-Korp. Biex nieħdu eżempju, minkejja li huwa fatt magħruf li parti mill-volum żejjed tax-xogħol tal-Pulizija hu li l-Pulizija jridu jlaħħqu mal-investigazzjonijiet u anke mal-prosekuzzjoni, qatt ma sar xejn biex din tiġi ndirizzata. Donnu ħadd ma jkun komdu jerfa' r-responsabbilità jekk matul il-proċess ta' transizzjoni jkun hemm xi diffikultajiet li kull bidla ġġib magħha. Bħala POU-GWU qbilna mal-kunċett ta' dan il-bord.

**Il-Kap Eżekuttiv**

Għalkemm fil-bidu li ssemma l-kunċett ta' kap eżekuttiv fi ħdan il-Korp kien hawn ċertu reżistenza, fid-dibattitu Parlamentari ftit li xejn kien hemm kritika għal din il-kariga. Il-Kummissarju għandu juża l-enerġija tiegħu fejn jidħol xogħol purament polizjesk, filwaqt li l-Kap Eżekuttiv jiffoka fuq il-kwistjonijiet operattivi u amministrattivi tal-Korp. Il-persuna li ġiet maħtura f'din il-kariga, is-Sur Angelo Gafà huwa persuna li ftit li xejn tista' tqum kontroversja dwaru għax magħruf għal kemm huwa rett u organizzat f'xogħlu, apparti li huwa kkwalifikat fil-maniġment. L-importanti li issa naghtuh l-għodda kollha meħtieġa biex ikun jista' jaħdem. Jidher li l-funzjoni ta' din il-kariga se tkun stabbilita permezz ta' leġislazzjoni sussidjarja peress li fil-liġi prinċipali ftit li xejn hemm dettalji. Minn hawn nawgura l-ħidma t-tajba lis-Sur Gafà.

**Status ta' Uffiċjal tal-Pulizija**

Din il-parti tal-liġi baqgħet l-istess, ċioè li Pulizija jrid jiddedika l-ħin kollu tiegħu għall-Korp u ma jistax jagħmel xogħol ieħor ħlief meta jinkiseb permess bil-miktub mill-Kummissarju tal-Pulizija. Jidher li hemm xettiċiżmu min-naħa tal-amministrazzjoni tal-Korp dwar jekk Pulizija għandux ikollu dritt jagħmel xogħol partajm, għaldaqstant mhux eskluż li eventwalment ikun hemm ordni permanenti f'dan ir-rigward biex l-affarijiet jiġu regolarizzati.

**Il-Bord ta' Dixxiplina fil-Korp**
Jidher li se jkun hemm tibdil fil-kompożizzjoni tal-bord ta' dixxiplina, ċioè se jkun hemm tliet membri fil-bord maħtura mill-Kummissarju u mhux wieħed kif inhu llum. Ser tiġi kkunsidrata wkoll il-proposta li bord ikun magħmul minn persuni wara li ssir konsultazzjoni mat-trejd unjins dwar il-persuni appuntati. Ser ikun hemm distinzjoni bejn dawk ir-reati ta' dixxiplina meqjusa 'gravi' u dawk 'minuri', kif ukoll ser ikun hemm tibdil rigward il-perjodu ta' żmien li fih jinżammu r-*records* personali ta' dixxiplina li llum jinżammu għal sentejn. Matul dawn id-diskussjonijiet ma kienx hemm qbil bejnna u bejn l-amministrazzjoni tal-Korp dwar it-terminu tat-tħassir tar-*records*. Ta' min jgħid li minkejja li sal-lum suppost ir-*records* ta' dixxiplina kienu jitħassru wara sentejn, dan ma kienx isir. Fil-fatt issa ser jibdew jitħassru mir-*records* personali u jinżammu ġo reġistru separat għal fini biss ta' midalji.

**Il-Bord tal-Pulizija**
Dan il-bord se jkollu funzjoni oħra apparti dak li għandu bħalissa. Sal-lum il-ġurnata dan il-bord jinvestiga u jirrapporta kemm allegazzjonijiet fil-konfront tal-Pulizija kif ukoll allegazzjonijiet mill-Pulizija kontra Pulizija oħra jew kontra l-amministrazzjoni fejn ikun hemm trattament meqjus bħala diskriminatorju. Addizzjonali mal-funzjoni ta' dan il-bord issa se jiżdied il-poter li jiddeċiedi l-appelli ta' deċiżjonijiet dixxiplinarji li jkunu ngħataw quddiem il-Kummissarju (mhux tal-PSC).

**It-Taqsima Interna dwar l-Awditjar u Investigazzjonijiet**
Illum il-ġurnata għandna biss it-taqsima għall-affarijiet interni tal-Korp, fejn kulħadd jaf li dan l-uffiċċju jinvestiga allegazzjonijiet fil-konfront tal-Pulizija u jittieħdu l-passi meħtieġa jekk jirriżulta li jkun hemm xi nuqqasijiet. Sal-lum dan l-uffiċċju jieħu biss miżuri fil-konfront tal-individwu u jieqaf hemm. L-irwol tat-taqsima l-ġdida se jiġi estiż u apparti li jinvestiga membri tal-Korp, ser jagħmel l-awditjar tas-sistemi li hemm fil-Korp biex jirrapporta dwar nuqqasijiet mill-amministrazzjoni u mhux mill-individwi biss.

Filwaqt li l-Ministeru ma kellu l-ebda obbligu legali li jikkonsulta mat-trejd unjins biex jibdel jew jagħmel emendi f'xi liġi, il-Ministru Abela ħass li xorta waħda għandu jisma' l-veduti tar-rappreżentanti tal-ħaddiema qabel imur fi stadju ta' kumitat fil-Parlament. Dan jawgura tajjeb meta tqis li sa ftit żmien ilu r-rappreżentanti tal-Pulizija lanqas biss kienu jiġu kkonsultati dwar il-kundizzjonijiet tal-Pulizija. Għalhekk dan kollu jfisser li sar progress kbir.

tvella@pou-gwu.org.mt

ADVERT

ADVERT

# Malta Police Association
## Your Independent Union

mill-Ispettur Frankie Sammut

### Id-Dritt li wieħed jingħaqad f'Unjin – X'suppost ifisser?

Id-dritt li ħaddiem jissieħeb f'Unjin tal-għażla tiegħu huwa dritt li jsib l-għeruq tiegħu fid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Ġnus Magħquda tal-1948. Din id-dikjarazzjoni f'Artiklu 23(4) tnaqqax ċar illi d-dritt li wieħed jissieħeb f'Unjin jinvolvi wkoll in-negozjar kollettiv – jiġifieri d-dritt li llum għandha kull Unjin li jinnegozjaw ftehim kollettiv jew settorjali f'isem il-ħaddiema li huma jirrappreżentaw.

Il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (*ECHR*) ukoll tirrikonoxxi dan id-dritt f'Artiklu 11, hekk kif amplifikat u spjegat aħjar fil-Karta Soċjali Ewropea (*ESC*). Taħt Artiklu 6 tal-Karta Soċjali Ewropea, dan id-dritt jinkludi żewġ aspetti, jiġifieri munita waħda imma b'żewġ uċuħ. Dawn huma d-dritt tal-azzjoni kollettiva (azzjoni industrijali) u d-dritt tan-negozjar kollettiv. Issa d-dritt tal-azzjoni kollettiva jinvolvi wkoll id-dritt ta' strajk jew alternattiva tiegħu. Dan peress illi d-dritt li wieħed jinnegozja kollettivament huwa dipendenti ħafna fuq l-azzjoni kollettiva li l-ħaddiema jistgħu jieħdu biex jiddefendu l-interessi tagħhom.

L-istess dritt biż-żewġ aspetti tiegħu llum jinsab imnaqqax ukoll fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea taħt l-Artikolu 27.

### Sitwazzjoni f'Malta

Minkejja li Malta ilha membru tal-Ġnus Magħquda sa mill-1964, fil-Kunsill tal-Ewropa sa mill-1965, irratifikat il-Karta Soċjali Ewropea oriġinarjament fl-1988, kif ukoll membru tal-Unjoni Ewropea sa mill-2004. Sal-lum li ninsabu fl-2017, għadha qed tonqos milli tirrikonoxxi dan id-dritt lill-Pulizija b'mod sħiħ.

### Id-dritt ta' azzjoni kollettiva

Il-liġi preżenti, wara Frar tal-2015, minkejja li tagħti d-dritt lill-membri tal-Korp tal-Pulizija sabiex jissieħbu f'Unjin, din tipprojbixxi li jieħdu xi tip ta' azzjoni kollettiva. Dan ifisser li l-Pulizija jista' joqgħod iħambaq u jgħajjat biex jiddefendi l-interessi tiegħu, imma ma jistax jieħu azzjoni industrijali bħal kwalunkwe ħaddiem ieħor, dejjem bl-iskuża li d-drittijiet tal-Pulizija għandhom ikunu limitati.

Tajjeb li hawn wieħed jagħmel referenza għall-interpretazzjoni li ngħatat ta' dan id-dritt mill-*European Committee of Social Rights* (*ECSR*) fi ħdan il-Kunsill tal-Ewropa. Hawn issir referenza għall-każ *European Confederation of Police* (*EuroCOP*) *v. Ireland* (Complaint No. 83/2012), f'paragrafu 202 (fost oħrajn). Filwaqt li għamel referenza għall-Pulizija, il-kumitat irritena (dak li ntqal fil-'*Conclusions I (1969), Statement of Interpretation on Article 6§4, pp. 38-39)* illi '*a denial of the right to strike to public servants as a whole cannot be regarded as compatible with the Charter.*'

Iżda minkejja dan, il-leġiżlatur Malti għadu qed jimpedixxi dan id-dritt lill-Pulizija. Sfortunatament l-MPA ma tistax tmur quddiem il-*ECSR* flimkien mal-*EuroCOP* (li tagħhom hija membru) bl-istess mod kif ġara fil-każ kontra l-Irlanda u f'każijiet simili oħra. Dan peress li l-gvern Malti qatt ma rratifika l-protokol addizzjonali għall-*ESC* li tipprovdi għas-sistema ta' Ilmenti Kollettivi tal-1995. Din is-sistema tippermetti li trejdunjin tressaq il-każ quddiem il-*ECSR* fejn l-istat ikun naqas milli jimplimenta sewwa dawn id-drittijiet.

### Id-Dritt ta' negozjar kollettiv

Rigward il-faċċata l-oħra tal-munita; id-dritt li wieħed jinnegozja kollettivament; il-liġi tippermet-

ti li l-Pulizija jistgħu jinnegozjaw ftehim settorjali għalihom. Għal dan l-għan, wara bosta talbiet li saru jidher li ser jibda l-proċess ta' negozjati mal-awtoritajiet kompetenti.

**Kumment tal-aħħar**

Dan qed iwassal biex miż-żewġ aspetti tad-dritt li wieħed jissieħeb fi trejdunjin fir-realtà huwa sostanzjalment xott:- id-dritt ta' azzjoni kollettiva mhux permess mil-liġi u d-dritt li wieħed jinnegozja kollettivament għadu ser jibda jissarraf, għaliex innegozjati għall-ftehim kollettiv/settorjali li jħares l-interessi tal-Pulizija għadhom prematuri. Iżda issa qed inħarsu 'l quddiem biex nużaw dan il-mument fl-istorja sabiex nibdlu l-preżent f'futur aħjar.

Nixtiequ nfakkru lill-leġiżlatur Malti, illi d-dritt ta' Unjin, bil-konsegwenzi tiegħu, huwa fundamentali. Għaldaqstant kwalunkwe restrizzjoni għal dan id-dritt għandha tkun limitata biss sa fejn huwa meħtieġ f'soċjetà demokratika sabiex jiġu salvagwardjati interessi ogħla pubbliċi, hekk kif jenfasizza l-Artikolu 11 tal-*ECHR* li huwa traspost u applikabbli direttament f'Malta permezz tal-Att Dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap.319 tal-Liġi ta' Malta), kif ukoll rikonoxxut u minqux fl-Artikolu 42 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Dan id-dritt huwa essenzjali sabiex il-Pulizija, bħal kull ħaddiem ieħor, ikunu jistgħu jinnegozjaw fl-interess tagħhom.

L-MPA ser tkun qed tirsisti bil-mezzi kollha disponibbli sabiex il-Pulizija ma jibqgħux jiġu mċaħħda minn dan id-dritt b'mod arbitrarju, iżda b'rispett u limitazzjonijiet konformi mal-istrumenti legali msemmija f'dan l-artiklu, għax dan huwa dritt fundamentali tagħna!

http://www.mpa.org.mt

ADVERT

ADVERT



# *Il-mara fil-Pulizija mis-sena 1956 'il quddiem*

minn WPC 25 Charlene Cilia u WPC 176 Sloune Gatt Fabri – CMRU

Kieku kellu xi ħadd jistaqsina, "tiftakarhom lil Maria Theuma u lil Salvina Agius?" kieku żgur l-ewwel ma nistaqsu, "imma dawn għadhom fil-Korp? Meta spiċċaw?" Wisq probabbli ħadd ma jiġih f'moħħu jistaqsi meta kienu daħlu fil-Korp. Maria Theuma u Salvina Agius huma fil-fatt l-ewwel nisa li daħlu fil-Korp tal-Pulizija u dan imur lura għas-sena 1956 meta l-ewwel grupp ta' ħames nisa fetħu l-bibien għall-karriera tal-mara fil-Korp tal-Pulizija.

Maria Theuma, Maria Cristina, Joan Cuschieri, Salvina Agius u Rita Refalo ngħaqdu mal-Korp tal-Pulizija fl-4 ta' Ġunju tas-sena 1956. Sabiex iġeddu ftit il-memorji u jaqsmu magħna l-esperjenzi kemm koroh u kemm sbieħ ta' dak iż-żmien, aħna qattajna nofstanhar ma' Maria Theuma neè Apap eks-WPC 1 u Salvina Agius neè Attard eks-WPC 4. Ix-xewqa kienet li niltaqgħu mal-grupp sħiħ u nlaqqgħuhom imma sfortunatament minħabba ċ-ċirkostanzi tal-ħajja dan ma kienx possibbli. Kemm Maria u kemm Salvina laqgħu mill-ewwel il-proposta tagħna u peress li anki huma kienu ilhom xi ftit snin ma jiltaqgħu ddeċidejna li din il-laqgħa ssir ġewwa d-Depot tal-Pulizija.



Maria u Salvina kienu ġirien uż-żewġ familji tagħhom kienu jgħixu Għawdex. Għaldaqstant kienu ilhom jafu lil xulxin però meta applikaw sabiex jidħlu fil-Korp ma kinux tkellmuha bejniethom. Maria kienet rat l-avviż f'gazzetta mentri Salvina kienet ġiet avviċinata minn kuġin tagħha u kien għarrafha li hemm l-applikazzjonijiet miftuħa.



Huma jirrakkuntaw kif minn Għawdex huma kienu ġew Malta sabiex japplikaw u ġew milqugħa minn Maġġur. Maria tirrakkonta kif il-papà tagħha kien wassalha sad-Depot tal-Pulizija sabiex tapplika mentri l-mamà, li Maria tgħid li kienet mara konservattiva ferm, kienet għalqet għajnejha u widnejha u ħallietha tiddeċiedi waħedha. Ngħiduha kif inhi, dak iż-żmien li jkollok tfajla li tiddeċiedi li tidħol taħdem f'post iddominat mill-irġiel, iktar u iktar fil-Korp tal-Pulizija ma kinitx xi ħaġa li tinżel daqshekk tajjeb.

Salvina, min-naħa l-oħra, irrakkuntat kif missierha ma kienx ħabbel rasu meta ddeċidiet li tidħol Pulizija u ommha wkoll ħallietha libera però avżatha li jekk ma kienx jogħġobha setgħet tmur lura d-dar bla inkwiet ta' xejn.

Ġaladarba laħqu Pulizija kemm Maria u kemm Salvina kellhom jaħsbu fejn kienu ser jabitaw peress li l-familji tagħhom kienu residenti Għawdex u huma kienu ġew stazzjonati Malta. Tistgħu timmaġinaw, lanqas illum mhu faċli li tkun Għawdxija u tkun stazzjonata f'Malta, aħseb u ara f'dak iż-żmien!

Fil-pront it-tnejn qalulna li lanqas biss kellhom pjan f'moħħhom,"just qbadna ġejna u applikajna". Maria kienet fortunata għax kellha z-ziju tagħha li kien joqgħod il-Marsa u hekk kif sar jaf li kienet għamlet l-eżami tal-Pulizija u għaddiet, kien offrielha sabiex tmur toqgħod magħhom, kif fil-fatt għamlet. Salvina kienet toqgħod il-Kalkara però ma tantx kienet għal qalbha anki minħabba raġunijiet ta' trasport.

Waħda mill-kurżitajiet li kellna waqt ir-rakkont ta' Maria u Salvina kien fiex kien jikkonsisti l-eżami li għamlu sabiex daħlu fil-Korp. Huma tennew li kien eżami ta' *standard secondary school*. Fih kellhom Malti, Ingliż u Matematika u kien isir mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni. Huma jiftakru li meta għamlu dan l-eżami ma kinux waħedhom, jiġifieri l-applikazzjonijiet ma kinux ħarġu għan-nisa biss imma għall-irġiel ukoll. Min kien jgħaddi minn dan l-eżami, kien ipoġġi għal test mediku u jekk tgħaddi, tkun dħalt fil-Korp. Wara kien isir kors fid-Depot li kien idum madwar sitt ġimgħat.

Fil-fatt il-proċess kien ferm inqas kumpless mil-lum għalkemm xorta kien hemm ċertu kundizzjonijiet bħal ngħidu aħna: it-tul u l-vista tal-għajnejn. Fil-fatt kull min kellu n-nuċċali ma kienx jiġi aċċettat sabiex jidħol fil-Korp tal-Pulizija. Ta' min isemmi wkoll li l-Pulizija nisa ta' dak iż-żmien ma setgħux ikollhom xagħarhom twil iżda ried ikun maqtugħ qasir sal-ispalla.

Maria ġiet stazzjonata mill-ewwel fl-Uffiċċju tal-Immigrazzjoni filwaqt li Salvina kienet f'uffiċċju li kien jagħmel parti mis-CID. Salvina tirrakkonta kif f'dan l-uffiċċju kienu jagħmlu diversi xogħol, fosthom *foot patrol, food control* minħabba l-prezzijiet, *beach control*, liċenzji, inċidenti u saħansitra kull ħaġa li kienet tinqala' u tirrikjedi l-attenzjoni tal-Pulizija. Hija qaltilna wkoll li parti minn xogħolhom waqt il-*beach control* kien li joqogħdu attenti li kulħadd ikun liebes diċenti fejn il-baħar u li jekk xi mara, tkun imqar neħħiet iċ-ċinga tal-malja minn ma' għonqha, huma kien ikollhom iwiddbuha.



Ix-xogħol ta' Maria kien kemxejn differenti. Hija kienet inkarigata mill-wasliet tan-nies f'Malta u xogħolha kien li tirreġistrahom. Hija rari kienet tkun xogħol fuq barra ħlief meta ġieli kienet tkun *beach control*. Ta' min isemmi wkoll li fi żmienhom, huma qatt ma kienu joħorġu fuq xogħol barra mingħajr ma jkollhom skorta ta' żewġt irġiel magħhom. Apparti minn hekk il-Pulizija nisa ta' dak iż-żmien ma setgħux jilbsu l-uniformi mid-dar iżda bilfors riedu jbiddlu meta jaslu fil-kwartieri tagħhom.



F'dawn il-kwartieri li kienu għan-nisa biss u li llum m'għandniex, kont issib sodod, gwardarobbi u mera (u hawnhekk Maria għamlet enfasi li bħala nisa huma insistew li jkollhom mera kbira).

Maria mill-ewwel tatna x'nifhmu li kienet taqbeż ħafna għad-drittijiet tan-nisa u ma kinitx tiddejjaq titlob lis-superjuri tagħha jew tgerger fuq xi kundizzjonijiet li kienu esposti għalihom. Fosthom insibu l-uniformi li ngħataw. Fil-fatt, fil-bidu huma ngħataw uniformi li propjament kienet magħmula għall-irġiel. Kien għalhekk li Maria kienet iddeċidiet li tmur tkellem lill-Kummissarju ta' dak iż-żmien fejn infurmatu li ma jistax ikun li qomos li normalment jintlibsu mill-irġiel, ikunu adegwati għan-nisa. Il-Kummissarju ta' dak iż-żmien laqa' l-ilment tagħha u billi n-numru ta' nisa fil-korp, dak iż-żmien kien żgħir, talabha ssib soluzzjoni u hi ma qagħditx lura! Billi Maria kienet ħajjata prima, ipproponiet disinn ta' libsa ġdida, li għamlet hi stess u li setgħet tintuża bħala uniformi. Wara li l-proposta tagħha ġiet aċċettata, Maria ġiet ipprovduta b'magna tal-ħjata, meddet idejha għax-xogħol u ħietet l-ewwel uniformi tan-nisa, għaliha u għall-kollegi tagħha. Kif sostniet Maria stess, dan il-kompitu aċċettat li tagħmlu bil-patt u l-kundizzjoni li jsir waqt il-ħin tax-xogħol.

Matul ir-rakkont tagħhom kemm Salvina u kemm Maria ftakru f'xi praspura li kienu għamlu u daħka mill-qalb ma naqsitx lanqas. Fost ħafna, Maria rrakkuntatilna kif ħassitha li kellha dellha tqil meta darba minnhom kienet laqtet *crime* għax kienet marret id-dar wara li kienet *beach patrol* meta l-baħar ried jibla' l-art.

Apparti mumenti ħelwin li għaddew minnhom meta kienu fil-Korp, huma jiftakru wkoll f'mumenti serji u xejn pjaċevoli bħal ngħidu aħna l-irvellijiet kontra l-Pulizija fl-1958. Fost ħafna memorji, ma setgħux ma jsemmux il-każ ta' Ġiġa li tant baqa' jissemma mal-medda taż-żmien. Meta seħħ il-każ, kemm Salvina u kemm Maria kienu qagħdu għassa maċ-ċella, dak iż-żmien imsejħa *death cell* fejn kienet Ġiġa. Maria kienet ukoll preżenti waqt l-aċċess. Fil-fatt xhin żorna magħhom il-Mużew tal-Kriminalità u wasalna fit-tieqa fejn hemm ix-xena ta' dan id-delitt, stajna naraw fuq wiċċhom l-impatt li kien ħalla fuqhom dan il-każ u l-fatt li għexuh daqshekk mill-viċin.

Meta staqsejniehom jekk dak iż-żmien kienx hemm xi ħaġa li ma ħallewhomx jagħmlu bħala nisa, huma qalulna li ma setgħux jarrestaw lin-nies huma, iżda huma setgħu biss jirrapportaw lil xi Pulizija raġel.

Tajjeb li nsemmu wkoll li kemm Maria u kemm Salvina sabu l-imħabba fil-Korp tal-Pulizija. Maria kienet iffansjat lil ċertu Ronald Theuma li dak iż-żmien kien is-Surġent inkarigat mill-uffiċċju fejn hi kienet stazzjonata. Dak li kienet ħasset Maria meta rat lil Ronald kien reċiproku għax fil-fatt huma żżewġu u kellhom familja flimkien. Salvina mill-banda l-oħra wkoll iltaqgħet mar-raġel tagħha fil-Korp għalkemm dan ma kienx Pulizija imma pajżan li kien jaħdem f'uffiċċju ġewwa d-Depot.

Minkejja li bħala koppji kienu marbuta sew mal-Pulizija ħadd mit-tfal tagħhom ma nibbet ħajra li jingħaqad mal-Korp però kemm Maria u kemm Salvina żgur ma kinux ħa jħassrulhom għax it-tnejn tkellmu b'nostalġija fuq l-imgħoddi. Il-ferħ li ħassew waqt li bdew jiftakru u jirrakkuntaw, anki xħin ħadniehom iżuru ċertu uffiċini, kien evidenti sew fuq wiċċhom.

Lejn l-aħħar ta' din l-intervista staqsejniehom jekk xi darba ġiethomx ix-xewqa li għadhom parti mill-Korp tal-Pulizija. Maria mill-ewwel qaltilna li iva dejjem kienet tixtieq li għadha fil-Korp tant li ġieli ħolmot li kienet fl-uffiċċju, iżda Salvina qaltilna li ladarba kienet telqet mill-Korp ma kellhiex ix-xewqa li għadha fih.

Staqsejniehom ukoll li kieku kellhom jerġgħu jidħlu fil-Pulizija llum x'kienu jagħmlu. Din id-darba qablu u t-tnejn qalulna le minħabba ħafna raġunijiet fosthom li llum il-ġurnata l-kriminalità kibret ħafna meta tqabbilha maż-żminijiet tagħhom.

Kemm Salvina u kemm Maria qatt ma ddispjaċiehom li kienu jagħmlu parti mill-Korp tal-Pulizija. Minkejja li ż-żmien inbidel xorta parti minn qalbhom għadha magħna. Għadhom sal-lum jieħdu gost jisimgħu fuq il-Pulizija. Għamilna ħilitna kollha biex din il-laqgħa tkun waħda pjaċevoli ferm għal Maria u Salvina u ngħiduha kif inhi minkejja d-differenza kbira ta' età bejnietna xorta jibqgħu eks-kollegi.

Dan l-artiklu li sar għall-okkażjoni ta' Jum il-Mara niddedikawh b'mod speċjali għal Maria Theuma, Salvina Agius, Maria Cristina, Joan Cuschieri u Rita Refalo, kif ukoll għal dawk in-nisa kollha li kienu u li għadhom jagħmlu parti mill-Korp. Jalla kollha kemm aħna jkollna x-xorti li nkunu bħal Maria u Salvina u l-bambin jagħtina l-grazzja li xi darba, fil-futur, nirrakkuntaw xi episodju li għaddejna minnu sakemm domna fil-Korp tal-Pulizija. Għal dawk in-nisa li spiċċaw mis-servizz jew dawk li waslu lejn it-tmiemu, tinsewx, il-fjuri xorta jibqgħu fjuri avolja midbiela!

magazine.police@gov.mt







# “Il-fjuri xorta jibqgħu fjuri avolja midbiela”

## – Maria Apap







ADVERT

ADVERT

# Maltese AMBER Alert helps save missing children's lives

Julie Bellinkx – Communications and PR Amber Alert Europe

***On January 10th, AMBER Alert Malta was officially launched by Minister of Home Affairs and National Security, Carmelo Abela, the Malta Police Force and the European Child Rescue Alert and Police Network on Missing Children, AMBER Alert Europe.***

**But what exactly is an AMBER Alert and when is it used?**
An AMBER Alert is a nationwide emergency message that is issued to inform the public when the National Police fear the life of an abducted or missing child is in imminent danger. The Malta Police Force is responsible for issuing AMBER Alerts, for which they have strict criteria:

- the child is (very likely) abducted by an unknown person or persons or the child is missing and its life is in imminent danger;
- the victim is a minor (under 18 years of age);
- there is enough information about the victim to increase the chances of the child being found by means of an AMBER Alert, such as a photo, information about the abductor or the vehicle used during the abduction;
- the AMBER Alert is issued as soon as possible after the abduction or disappearance of the child.

When an AMBER Alert is issued, the whole country transforms into one big missing children's poster. A picture of the missing child is instantly visible everywhere: on TV, social media, billboards, websites, etc. By quickly sharing information about the case with the public, the chances of the missing child being found safe and well highly increase.




**Endangered missing children**
Parts of the AMBER Alert system (e.g. social media only) can also be used to help find endangered missing children. A missing child is considered endangered when there are substantial indications that the child is at high risk of harm and/or in immediate danger and rapid action is required. These missing children cases do, however, not meet the criteria of an AMBER Alert. In some cases, the Police can decide to upscale an endan-

gered missing child case to an AMBER Alert, when additional information has become available and the case now meets the AMBER Alert criteria.

**Missing children**

Annually, many children go missing. Most of them are retrieved quickly. In case of a missing child, the Police assess to which extent the child is in danger. Following this assessment, they decide how to act. AMBER Alert Malta exclusively distributes AMBER Alerts and information about endangered missing children. For other types of missing children cases the Police use different ways to retrieve the child.




Prior to the launch, on the 10th January 2017, a group of Police officers from Vice Squad, Community and Media Relations Unit, ICT and District Police were given a training session by Mr Charlie Hedges, European Alert Coordinator Police Expert on Missing Children.



ADVERT

ADVERT

Jaiden Cilia Silvio
5 snin




Dawk il-membri tal-Korp li għandhom it-tfal u jixtiequ jagħtu s-sehem tagħhom f'din il-paġna, permezz ta' kitba jew tpinġija relatata mal-Korp tal-Pulizija, jistgħu jagħmlu dan billi jagħmlu kuntatt mal-Bord Editorjali fuq magazine.police@gov.mt

ADVERT

# Il-Kumitat Sportiv tal-Pulizija

## AVVENIMENTI u INFORMAZZJONI

### POLRUN 2016

Nhar is-26 ta' Diċembru 2016, il-Kumitat Sportiv tal-Pulizija reġa' organizza l-*POLRUN*. Dis-sena pparteċipaw ammont akbar ta' atleti minn dak tas-sena ta' qabel kif ukoll inġabret somma rekord li ġiet mgħoddija lill-*Community Chest Fund*. Dan ta inċentiv ikbar lill-Kumitat Sportiv biex din it-tiġrija tibqa' tissaħħaħ kif ukoll bdew diskussjonijiet fi ħdan il-Kumitat biex jippruvaw jorganizzaw tiġrija simili fil-perjodu tas-sajf.





It-tiġrija ntrebħet minn Andrew Grech li għamel ħin ta' 16:15:00. Ingħataw premjijiet oħra lil diversi atleti f'kategoriji differenti. Il-preżentazzjoni tal-premjijiet ingħatat mill-Eċċellenza Tagħha l-President ta' Malta, is-Sinjura Marie Louise Coleiro Preca fejn faħħret ħafna din l-inizjattiva. Il-Kumitat Sportiv jixtieq jirringrazzja lill-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Lawrence Cutajar li apparti li kien preżenti wkoll għal din l-attività, ta l-għajnuna tiegħu biex din it-tiġrija reġgħet kienet suċċess.

### Commissioner's Cup

Fuq xewqa tal-Kummissarju tal-Pulizija, il-Kumitat Sportiv reġa' organizza logħba futbol bejn l-Uffiċjali u l-*Other Ranks*. Din il-logħba saret nhar il-31 ta' Diċembru 2016 fil-Victor Tedesco Stadium u ntrebħet mill-*Other Ranks* bl-iskor ta' 3-0. Il-logħba kienet waħda bbilanċjata fejn għalkemm l-*Other Ranks* kienu aktar offensivi, l-Uffiċjali bdew jiddefendu tajjeb ħafna u kienu anke perikolużi ferm bil-kontrattakki. Għal din il-logħba kien mistieden ukoll l-Onorevoli Ministru tal-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali, Dr Carmelo Abela biex ikun parti mit-tim tal-Uffiċjali però minħabba impenji ta' xogħol barra minn xtutna, il-Ministru infurmana li ma setax jattendi.



Il-Kummissarju tal-Pulizija kien preżenti għal din il-logħba fejn fl-aħħar ippreżenta t-trofew lil Pc 259 Edwin Curmi bħala l-kaptan tat-tim tal-*Other Ranks*. Il-Kumitat Sportiv kien sodisfatt immens bil-parteċipazzjoni mill-membri tal-korp għal din il-logħba u qiegħed jiddiskuti biex itejjeb xi affarijiet żgħar ħalli dis-sena l-logħba tkun isbaħ u tattira anke xi udjenza.



## Internal Football Tournament

F'Diċembru 2016 ġie organizzat it-turnament tal-futbol intern. F'dan it-turnament ipparteċipaw tmienja u għoxrin (28) tim minn diversi branki u distretti fejn it-timijiet kollha nqasmu f'seba' gruppi ta' erba' timijiet. It-timijiet kollha f'kull grupp lagħbu tliet logħbiet fejn l-aqwa tnejn minn kull grupp kif ukoll l-aqwa żewġ timijiet li ġew fit-tielet post għaddew għar-*round* ta' wara li kien fuq bażi ta' *knockout*.

It-turnament intrebaħ mill-Ewwel Distrett fejn fil-finali għelbu lill-favoriti, ċioè lit-Tielet Distrett bl-iskor kbir ta' 6-0. Għalkemm l-iskor jidher kbir, il-logħba kienet missielta sew sakemm l-Ewwel Distrett fetħu l-iskor. Minn hemm huma ma ħarsux lura u anke minħabba ċertu żbalji u għaġla min-naħa tal-plejers tat-Tielet Distrett, huma baqgħu jkabbru l-iskor.

Fil-logħba għat-tielet post, l-Iskwadra ta' Kontra l-Vizzji għelbu lill-Iskwadra ta' Kontra l-Vizzju tad-Droga. Din il-logħba kienet meqjusa bħala *derby* minħabba li ż-żewġ skwadri jinsabu viċin xulxin. L-Iskwadra ta' Kontra l-Vizzju tad-Droga kellhom ukoll support tajjeb għal din il-logħba. Il-logħba kienet ibbilanċjata u missielta ħafna u ġiet deċiża lejn l-aħħar.

Il-Kumitat Sportiv jixtieq jirringrazzja lill-Pietà Football Club talli jippermettu li dan it-turnament isir fil-grawnds tagħhom. Ringrazzjament imur ukoll għall-persuni li għenu biex dan it-turnament iseħħ fosthom id-delegati ta' kull branka/distrett kif ukoll lir-*referees*.

Ringrazzjament speċjali jmur lil Pc 121 J. Vassallo li minkejja impenji oħra personali, għamel minn kollox biex dan it-turnament jiġi organizzat.

Il-Kumitat qiegħed jilqa' wkoll suġġerimenti biex ikompli jtejjeb l-organizzazzjoni ta' dan it-turnament. Dawn is-suġġerimenti bil-miktub jistgħu jintbagħtu lill-Ispettur Omar Zammit (omar.zammit@gov.mt); Ps 1480 Sandro Mallia (sandro-carlo.mallia@gov.mt) jew lil Pc121 Josef Vassallo (Pudina@gmail.com).

## Logħba ta' ħbiberija mal-ekwipaġġ ta' HMS Scott

Għal darb'oħra, il-Kumitat tal-MPSC laqa' stedina mingħand l-ekwipaġġ tal-bastiment HMS Scott li jifforma parti mill-flotta Rjali Ingliża sabiex issir logħba futbol ta' ħbiberija bejn il-baħrin li jaħdmu fuq l-imsemmi bastiment u l-uffiċjali tal-pulizija ta' Malta.



ADVERT

ADVERT

Il-logħba bdiet fis-siegħa ta' waranofsinhar ġewwa l-grawnd Victor Tedesco, il-Ħamrun, iżda qabel ma bdiet il-logħba ż-żewġ kaptani taż-żewġ timijiet taw lil xulxin tifkira żgħira li tirrappreżenta liż-żewġ entitajiet rispettivi. Il-logħba kienet ikkontrollata mir-*referee*, is-Sur Thomas Debono flimkien mal-assistenti tiegħu li għamlu xogħol vera professjonali u ta' dan, il-Kumitat Sportiv jixtieq jirringrazzjahom.



Aktar minn hekk, wieħed irid jgħid li l-logħba kienet waħda bbilanċjata sal-aħħar tant li r-riżultat finali kien dak ta' tlieta bi tnejn għat-tim tal-pulizija. Għat-tim tal-pulizija skorja ż-żewġ gowls PC 99 Quintin Grech u l-ieħor PC 1416 Daniel Galea.



Il-Kumitat Sportiv jirringrazzja lill-parteċipanti kollha u jħares 'il quddiem biex attivitajiet bħal dawn ikunu aktar mħeġġa, u jalla l-ħeġġa u l-inizjattiva mill-parteċipanti tibqa' tivvibra u pożittiva.

## Other Ranks Games Room

Il-Kumitat jixtieq jinforma lill-membri tal-Korp li dalwaqt ħa jibda l-proġett għat-tisbiħ u ttranġar tal-kamra tal-logħob li hemm ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija. Dan jista' jsir wara li l-Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur Lawrence Cutajar approva l-istimi biex jibda dan ix-xogħol.

Il-Kumitat qiegħed iħeġġeġ biex jekk hemm xi ħadd lest li jagħti daqqa t'id f'dan il-proġett, jista' jagħmel kuntatt ma' Pc 52 Emmanuel Agius u Pc 121 Josef Vassallo.

## Kummenti Ġenerali

Fl-aħħar u mhux l-inqas nixtiequ nirringrazzjaw lil dawk kollha li pparteċipaw f'xi attività sportiva organizzata mill-Kumitat Sportiv, u mhux l-inqas, il-Kumitat Sportiv jieħu l-opportunità li jirringrazzja liż-żewġ trejdunjins jiġifieri lill-MPA u l-POU li għenu finanzjarjament fl-ispejjeż tat-trofew tat-Turnament tal-Futbol Intern.

Aktar minn hekk, il-Kumitat Sportiv jixtieq jinforma lil membri kollha tal-Korp li matul il-perjodu tal-Presidenza l-attivitajiet sportivi ser ikunu limitati minħabba impenji ta' xogħol. Fl-istess waqt nixtiequ lil kulħadd il-ħidma t-tajba u bħal dejjem inkunu dixxiplinati.

Il-Kumitat Sportiv jixtieq jirringrazzja wkoll lill-Kummissarju tal-Pulizija tal-appoġġ kontinwu tiegħu fil-qasam sportiv fi ħdan il-Korp. Bl-għajnuna tal-Kummissarju, il-Kumitat Sportiv qiegħed jaħdem kontinwament biex jerġa' jqajjem diversi dixxiplini sportivi fil-korp u ta' dan aħna grati lejh.

mpsc.police@gov.mt

# Is-Saħħa Mentali

minn Marylene Savona Ventura - ESP Unit Co-Ordinator Employee Support Programme Unit

Is-saħħa mentali tagħna tinkludi diversi elementi fosthom dawk emozzjonali, psikoloġiċi kif ukoll l-aspett soċjali. Dawn l-elementi jinfluwenzaw il-mod ta' kif wieħed jaħseb, iħossu u jaġixxi biex ikun jista' jlaħħaq mal-isfidi ta' kuljum. Il-mod kif wieħed jindirizza l-isfidi ta' kuljum kif ukoll il-mod kif jirrelata mal-oħrajn u l-għażliet li wieħed jagħmel jiddependi mill-istat tas-saħħa mentali tal-persuna. Huwa importanti li wieħed jieħu ħsieb is-saħħa mentali tiegħu biex ikun aktar kapaċi jaġixxi fl-isfidi li jistgħu jinqalgħu f'ħajtu.

Ħafna drabi, meta nsemmu s-saħħa mentali l-ewwel ħsieb li jiġina f'moħħna huwa l-mard mentali bħal dipressjoni, ansjetà u mard serju ieħor ta' saħħa mentali. F'każijiet ta' mard mentali, x'aktarx li jkun meħtieġ intervent psikjatriku biex wieħed jingħata l-kura li għandu bżonn. Madankollu, ftit li xejn tingħata attenzjoni għall-isfidi u s-sitwazzjonijiet stressanti li kontinwament wieħed jiltaqa' magħhom fil-ħajja ta' kuljum u li dawn ukoll jaffettwaw l-istat tas-saħħa mentali tal-individwu. Fost sitwazzjonijiet ta' kuljum li jikkawżaw stress insibu limitazzjonijiet finanzjarji, stil ta' ħajja mgħaġla, pressjoni fuq il-post tax-xogħol, kif ukoll aspettattivi għoljin għall-mod ta' kif għandhom ikunu ċertu affarijiet. U għalhekk, li wieħed isib il-bilanċ adattat bejn ix-xogħol u l-ħajja tal-familja mhix xi ħaġa faċli.

Għalkemm xi kultant ftit li xejn ikollna kontroll fuq dawn iċ-ċirkostanzi, hemm ċertu miżuri li jistgħu jgħinu biex jitnaqqsu l-effetti li dawn l-isfidi jistgħu joħolqu.

Dawn li ġejjin huma xi suġġerimenti li jistgħu jgħinuk biex trawwem aħjar is-saħħa mentali tiegħek:-

- **Ipprijoritizza:** Wieħed mhux mistenni li jaffaċċja u jsolvi l-problema kollha. Int m'intix responsabbli li ssolvi kull problema li tiltaqa' magħha; ma tistax tagħmel lil kulħadd kuntent.

- **Taħrabx l-uġigħ tiegħek:** Meta tipprova twarrab ħsibijiet negattivi u sentimenti ta' wġigħ, dawn jistgħu jsiru agħar. Wieħed għandu jirrikonoxxi li dawn il-ħsibijiet u l-emozzjonijiet huma parti mir-realtà. Agħti permess lilek innifsek biex tistrieħ u sib ħin għalik innifsek biex tkun tista' tagħmel affarijiet li jġibulek il-ferħ, kuntentizza u serenità.

- **Iddedika ħin għal mal-familja u l-ħbieb:** Komunikazzjoni effettiva ssaħħaħ ir-relazzjonijiet kif ukoll tgħinek issib sapport minn persuni sinifikanti madwarek.

- **Kun fiżikament attiv:** Mixja mgħaġla, ġirja jew sessjoni ġo xi *gym* tgħinek biex tħossok tajjeb. L-eżerċizzju huwa ta' benefiċċju għas-saħħa ġenerali tal-persuna kif ukoll tgħinek torqod aħjar.

- **F'kull ġurnata prova sib ħaġa waħda li inti grat għaliha:** Ħalli l-gratitudni tkun l-aħħar ħsieb qabel ma tmur torqod u l-ewwel ħsieb malli tqum.

- **Għix il-mument!** Ma tistax tikkontrolla kulma jiġri fil-ħajja. Jekk tħoss li din il-ħaġa hija diffiċli li twettaqha waħdek, fittex l-għajnuna ta' xi ħabib/a li tafda jew professjonist li jista' jiggwidak u jissapportjak.

Għal iktar informazzjoni u sapport jew jekk tixtieq tagħmel appuntament, tista tikkuntattja lill-*Employee Support Programme* fuq 2200 1210 jew fuq esp.opm@gov.mt jew żur il-websajt www.esp.gov.mt

# Ġurnata xogħol b'differenza għall-membri tal-Iskwadra ta Kontra l-Vizzji

minn PS 153 Lydon Zammit – Vice Squad

Għat-tieni sena konsekuttiva, il-membri tal-Iskwadra ta' Kontra l-Vizzji organnizzaw attività għat-tfal fi żmien il-festi tal-Milied.  Għal din il-ġurnata li kienet mimlija attivitajiet, ikunu mistiedna tfal li matul is-sena jkollhom b'xi mod jew ieħor kuntatt ma' din l-Iswadra. Dan isir biex it-tfal mistiedna jkollhom esperjenza pożittiva tal-membri tal-Korp tal-Pulizija, speċjalment jekk ikunu għaddew minn trawma familjari.

L-attività saret fit-30 ta' Diċembru fejn il-ġurnata bdiet b'quddiesa fil-kappella tad-Depot. Il-Kappillan tal-Korp tal-Pulizija Fr. Raymond Bonnici qaddes quddiesa b'differenza u mmirata għat-tfal. Matul din l-attività, saru diversi żjarat fosthom lit-taqsima tal-Kavallerija, kif ukoll saret żjara fil-kumpless fejn hemm stazzjonati s-sezzjoni tal-Klieb fil-Mosta. Fiż-żewġ żjarat, it-tfal kellhom iċ-ċans li jkunu eqreb tal-animali kif ukoll jaraw ix-xogħol siewi li jwettqu l-membri ta' dawn iż-żewġ taqsimiet. It-tfal kellhom iċ-ċans ukoll li jirkbu fil-vetturi tar-*Rapid Intervention Unit* u anki fuq il-muturi tas-Sezzjoni tat-Traffiku. Matul din l-attività, it-tfal ittieħdu fiz-zoo l-'Arka ta' Noe' li jinsab is-Siġġiewi. Matul din iż-żjara, it-tfal setgħu jammiraw annimali eżotiċi li mhux normali naraw f'pajjiżna. Fl-aħħar tal-ġurnata, it-tfal kollha ngħataw ġugarell u tifkira ta' din l-attività.

Għal sena oħra, din l-attività kienet suċċess u kull tifel u tifla li attendew ħarġu b'daħqa fuq fommhom. Bħala organizzaturi nixtiequ nirrangrazzjaw lil kull membru tal-Korp tal-Pulizija li b'xi mod jew ieħor għen biex din l-attività tkun suċċess.  Ringrazzjament imur ukoll għat-tmexxija ta' 'Vecchia Napoli' fis-Seabank Hotel li offra l-ikel lit-tfal li attendew u lil 'Cousins Ltd' minn fejn inxtraw ir-rigali.

Żgur li kull membru fl-Iskwadra ta' Kontra l-Vizzji jħares 'l quddiem għal attivitajiet bħal dawn fejn l-uniku għan ikun li naraw tbissima fuq wiċċ dawn it-tfal.

lydon.zammit@gov.mt

ADVERT

# L-Aħħar Ħbit tal-Furbani fl-1614

minn WPS129 Marlene Falzon – Mużew tal-Pulizija

F'din il-ħarġa ddeċidejt li nikteb dan l-artiklu storiku għall-interess tal-qarrejja li għandhom għal qalbhom l-Istorja u l-kultura ta' pajjiżna, u forsi jqanqal xi ftit kurżità, speċjalment fuq ġrajjiet li seħħew u li mhux dejjem inkunu mgħarrfa dwarhom. L-artiklu jitratta dwar ħbit mill-furbani li sar fiż-Żejtun propju wara l-Assedju l-Kbir li seħħ fl-1565. Fil-fatt hawn min għadu jaħseb li dak kien l-aħħar ħbit li seħħ f'pajjiżna.

F'dan ir-rakkont jidħol ukoll in-Nobbli Klement Tabone li kien joqgħod iż-Żejtun, u baqa' magħruf sal-ġurnata tal-lum kemm għall-ġenerożità tiegħu lejn il-popolin tal-villaġġ, kif ukoll għall-qlubija u kuraġġ li wera f'dan l-Assedju. Kien hu li ffinanzja l-kappella ta' San Klement li nsibu fuq in-naħa t'isfel taż-Żejtun fuq wegħda li kien għamel hu stess meta attakkaw it-Torok f'dan il-ħbit, u wiegħed li hekk Malta ssalva minn ħaġar il-furbani, jibni kappella ddedikata lil San Klement, il-Patrun tiegħu u fil-fatt hekk ġara, għax tlestiet fl-1658. Wieħed għadu jara wkoll dettall partikolari marbut ma' Klement Tabone, li hija l-pittura titolari tal-qaddis, għax fuq in-naħa tax-xellug jidher wiċċ ir-raġel meta xjaħ qiegħed jitlob lill-qaddis, u fuq in-naħa tal-lemin hemm l-arma tal-familja Tabuni.

Waqt il-ħbit jingħad ukoll li Klement Tabone (Tabuni) instama' jitlob lill-Qaddis Patrun għas-salvazzjoni, hekk kif telaq jiġri biex jagħti l-għajnuna flimkien man-nies tar-raħal, u hekk ġara infatti għax il-furbani reġgħu telqu minn fejn ġew.

Nistgħu ngħidu li għall-Ordni din kienet sfida oħra, u bis-saħħa ta' dan il-ħbit li d-difiża baqgħet tissaħħaħ kull darba. Kemm it-Torri ta' San Luċjan (M'Xlokk) u kemm ta' San Tumas (Wied il-Għajn) għenu biex il-komunità taż-Żejtun jipprepparaw ruħhom għal dak li kien ġej għal wiċċhom.

L-aħħar ħbit seħħ propju fis-6 ta' Lulju fl-1614 ġewwa l-villaġġ żgħir taż-Żejtun. Sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx grupp ta' furbani ntlemħu resqin lejn in-naħa ta' Wied il-Għajn, u kienet tidher ċara li din kienet se tkun invażjoni. L-abitanti stess li b'kuraġġ u qlubija kienu l-ewwel nies li ngħaqdu flimkien biex jissieltu kontra dawn il-furbani, għalkemm xorta kienu maħsuda għall-ewwel għax żgur ma stennewx din l-invażjoni. In-nisa u t-tfal kollha ġrew lejn in-naħa tal-Birgu u l-irġiel żgħażagħ qabdu l-armi u ngħaqdu kollha f'daqqa. Il-kelma ġriet għal għand il-Gran Mastru Alof de Wigna-



court u f'salt wieħed niżlet kavallerija għal għajnuna. Din il-ġlieda qalila ħalliet ħafna nies midruba, apparti l-ħsara li saret ġol-knejjes, djar, annimali maqtula, eċċ.

Issa dak iż-żmien id-difiża f'pajjiżna ma kinitx fjakka għax l-Ordni ta' San Ġwann kompliet issaħħaħ il-kosta ta' Malta b'torrijiet ta' kull daqs u b'hekk il-komunità ta' dak il-villaġġ setgħet tagħmel l-għassa mingħajr problemi għax mill-għoli kien faċli tiċċomba l-għadu ġej. Imbagħad ma ninsewx li kellna d-Dejma ta' Malta li twaqqfet fis-seklu 14 u dawn kienu suldati li kienu jintagħżlu biex jiddefendu l-poplu minn dawn l-attakki frekwenti li kienu jagħmlu l-furbani, għax ngħiduha kif inhi Malta għalkemm hija gżira ċkejkna, il-pożizzjoni strateġika tagħha kienet aktar suġġettiva għal xi attakk.

F'dan il-ħbit tissemma wkoll il-parroċċa antika ta' Santa Katerina magħrufa bħala San Girgor (1400-1720) li kienet ukoll isservi bħala torri tal-għassa għall-ħbit mill-furbani mill-port ta' M'Xlokk, ir-Ramla taż-Żejtun u Wied il-Għajn. Dawn iż-żewġ bajjiet kienu spiss jintużaw mill-furbani (pirati u sibbien) biex jinżlu fuq il-Gżejjer Maltin. Il-ħbit mill-Kursara tal-1614 għadu mfakkar permezz ta' iskrizzjoni fuq wieħed mill-pilastri tal-knisja u li qed tiddiskrivi l-episodji koroh minn xiex għaddew missirijietna. F'dan il-ħbit, il-knisja sofriet ħsarat kbar. Passaġġi sigrieta mibnija ġol-ħitan ħoxnin tal-knisja jwassluk għal tieqa żgħira li jħarsu lejn M'Xlokk u Wied il-Għajn.

Kull sena ssir purċissjoni ddedikata lil San Girgor, u l-oriġini ta' din il-purċissjoni għadu ħadd ma jafha, biss però li nafu żgur huwa li jeżistu verżjonijiet differenti, fosthom ir-rapport ta' Monsinjur Dusina fejn jitkellem dwar il-purċissjoni annwali ta' San Girgor meta l-poplu kollu tal-gżira jmur f'din il-knisja u jiżżi ħajr lil Alla għax nhar San Girgor, flotta Torka għerqet maġenb l-imsemmija gżira u l-poplu kien meħlus mill-qilla u l-biża' tagħhom.



It-telfa tat-Torok uriet biċ-ċar li d-difiża ta' Malta, kienet qed tkompli tissaħħaħ, u fih dan il-ħbit spikkat il-qlubija taż-Żwieten li ddefendew lil pajjiżna mill-qilla tal-Invażuri.

Sors u referenza: Wirt iż-Żejtun

marlene.falzon@gov.mt

# ADVERT

ADVERT

# Apprezzamenti u kommendazzjonijiet lill-Pulizija

Big thanks to police, civil protection, ngos, good friends and even people we don't know who all helped us to find her! Glad my husband's mum is safe with her family again.

I would like to highly recommend wpc 196 at the conduct office. Her efficiency and helpfulness enabled me to obtain my sons conduct certificate since he is abroad and take it to the place where he applied for a job and get to work all on time thanks to her. A job very well done. Thank you.

From all the staff and management at Blue Creek Restaurant we would like to thank all the team at the Zebbug and Qormi police stations. Honorable mentions go to PC 1486, PC 392, PC 954, WPC 351, police inspector Kylie Borg and most especially PS 1482 who did his utmost to solve the case in such a short term and made it look very easy.

Tifhir lil minn haqqu

Permezz ta din l-email nixtieq nuri l-apprezzament tieghi ghall-mod kif is-Surgent fl-Ghassa tal-Mosta Suzanne Mifsud u l-Orderly PC399 imxew b'mod hafna professjonali kif ukoll b'hegga biex isolvu l-problema li kelli jiena minhabba li xtrajt minghajr ma kont naf mobile li kien misruq l-Ingilterra.
Dawn iz-zewg ufficjali tal-pulizija jaghmlu gieh kbir lill-Korp tal-Pulizija.
Grazzi mill-qalb.

To the police officer who was passing through aldo Moro on his bike sorry I did not catch your badge number... Thank you for stopping to make sure I was ok after my car skidded on some diesel, nearly crashing into oncoming traffic and tipping over my car, I was in complete shock but you managed to calm me down.

Thank you again.

I would like to commend the members of the Malta Police Force who came to my assistance following an unfortunate car accident I had last week.

In particular I would like to express my gratitude to Traffic policeman no 1211 who was on site within a few minutes from my phoning 112, Sergeant Police Officer no 1240 and Police Officers no 392 and 1486 from Qormi police station. The Officers all carried out their work very diligently and in doing so they also helped to calm down what was otherwise a tense situation. One of the Officers even went as far to fetch my husband and myself two bottles of water!
They were the perfect example of the kind of service one would write home about. Thanks again – Keep it up.

Comments:- F'isem Farsons nixtieq nuri l-apprezzament tax-xoghol professjonali u f'waqtu minn PI R. Agius, PS 274, PS 1125, PC 1541 mill-ghassa ta' Hal Qormi biex tissolva serqa fil-fabrika. Grazzi

Dear WPC C. Cilia

On behalf of the Guidance Team of ALP Paola, I would like to thank you for your professional and very organised vocational and careers talks about the Malta Police which hopefully were very fruitful to our students. Looking forward in asking you again to visit our school in the near future.

PS Would also like to thank your colleague Sargent Rodienne

A very special thank you to Police Officers #353 and # 1045 who jump started my car at 2.00pm this afternoon in St. Julians after I found a dead battery – thus saving me and my passengers a long wait in the stifling heat for road assistance. You are my heroes today! Keep on being fabulous.

I would like to express my gratitude to the members of police at Zabbar police station. Whilst I might not remember everyone I thank especially PC 931, 793, 859 and 82 for their help last Tuesday 14th June. Through their intervention and guidance a situation which had taken 15 days to resolve got sorted within a day. Thanks once again.

Dear Sir

I would like to express my deep appreciation for the help give in to me by PC 1231, PC1404 and PC598 on Sunday 13th November 2016 at Dingli around 6 pm.

Around 5.15 pm my car decided to break down on an isolated country road passing through the fields behind Bobbyland Restaurant in Dingli. The towing service told me that it would take more than an hour for them to arrive and assist me and it started getting dark with not a lamp in sight.

MY father was given a lift to the main panoramic road of Dingli to meet the towing truck there, while my mother and I stayed in the car, in total darkness by then, not wanting to leave the car alone.

Around 6pm, a Police jeep, with the three officers mentioned above in it, stopped by and asked if I needed help, which I gladly accepted. They towed my car to their jeep and pulled it all the way to an inhabited part of Dingli behind the village church with good lighting in the street. One of them even drove my car for me since I was getting a bit flustered by then, both by the total darkness and worrying about my parents as they are nearly 80 years old.

They were all the time very courteous and encouraging. One of them stayed with my mum while the other two took me to collect my father from the main panoramic Dingli road as it would have been too far for him to walk and even assisted him in getting in the Jeep, since my father has recently had a knee replacement operation. If I am not mistaken, I believe they form part of the ALE section of the police and were returning back to Headquarters after doing their rounds for illegal hunting.

My parents and I cannot find adequate words to thanks these Police Officers. They did their job admirably and even went out of their way to assist us in any way required. I am writing this letter to express this feeling of gratitude that we owe them and we should all be very proud that policemen such as PC 1231, PC 1404 and PC 598 serve their country with dignity and well above and beyond their call of duty!

Regards

Yours sincerely

# International Police Association - Malta

Joseph Borda - Secretary General

## Arthur Troop Scholarship 2018




The Arthur Troop Scholarship (ATS) is now open for applications from IPA members worldwide. Arthur Troop Scholarships are awarded annually and at least one will be granted to each continent in which we have member sections – Africa, America, Asia, Australasia and Europe.

Each scholarship consists of a bursary of up to €2500, to be used for a seminar at the International Conference Centre IBZ Schloss Gimborn, or at a comparable institution.

Applicants must have been an IPA member for at least 1 year before applying, and the scholarship must be taken between 1 January and 31 December of the year following the awarding of the scholarship (extensions are not granted).

Arthur Troop Scholarships may be awarded to any IPA member in the police service, but are predominantly targeted at our younger members. Applicants are required to submit an application form setting out their reasons to support their selection.

Applications must be processed through their national sections and forwarded to the International Administration Centre (IAC) at iac@ieb-ipa.org. All applications must be supported by a written confirmation of membership from their sections.

The Chair of the Professional Commission (PC) will process the applications. After the assessment of the PC and the decision of the IEB, awards will be announced during the World Congress in Bulgaria in September 2017.

For an Application Form and further details, please contact your national section.The deadline for applications is 31 July 2017.

## Foreign Visits

During the month of January, Jan Boer from IPA Netherlands, Section Friesland, was on holiday in Malta. Jan is a big collector of police uniforms. I have known Jan for a long time, but this is the first time that we met. First he came over to see my private collection, and later took him to see the Police Museum, of which he was very impressed. Jan was accompanied by his wife Betty.



## Membership Renewal

May I remind you that membership is due and those who still have not affected their payment may do so as follows:-

**Online** by logging to www.ipamalta.com

**At our office** in Marsa

(Mondays between 9am and 12 noon)

**At our GHQ Office** (Legal Office. Daily between 9am and 4pm)

**By Post.** Cheque addressed to IPA Malta Section, Police General Headquarters, Floriana.

Membership fee is €8 for 1 year and €20 for 3 years.

ipamalta@gmail.com

ADVERT

ADVERT

# Malta Association of Retired Police Officers

eks-Surġent u Teżorier Joe Borda (M.A.R.P.O.)

## Riċeviment Annwali fid-*Depot* tal-Pulizija

Nhar il-Ħadd 8 ta' Jannar 2017, fis-Sala Vilhena fil-Kwartieri Ġenerali tal-Korp, saret l-attività tant mistennija ta' kull sena, meta l-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Lawrence Cutajar jistieden lill-pulizija rtirati għal *reunion* annwali. Għal din l-attività attendew il-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali l-Onorevoli Carmelo Abela u c-CEO tal-Pulizija, is-Sur Angelo Gafà.



L-attività bdiet bid-dħul tal-bandiera Maltija, il-*Colours* tal-Korp tal-Pulizija u dik tal-MARPO. Dawn kienu akkumpanjati mill-*pipes* u d-*drums* tal-Korp.

Wara ġiet iċċelebrata quddiesa ta' radd il-ħajr mill-Kappillan tal-Korp, Fr Ray Bonniċi OFM fejn ingħatat tislima lil dawk il-membri u eks membri tal-Korp li mietu matul is-sena 2016.

Hekk kif spiċċat il-quddiesa, il-Kummissarju u l-Ministru ppreżentaw ċertifikati u *shields* lil numru ta' pulizija li rtiraw mis-servizz, kif ukoll lil dawk il-pulizija li wrew xi att ta' qlubija jew servizz merituż. Fost dawn ta' min isemmi lis-Surġent 601 Justin Spiteri li din is-sena rebaħ l-unur tal-Pulizija tas-Sena. Is-Surġent Spiteri huwa stazzjonat l-RIU.



Saret ukoll preżentazzjoni ta' apprezzament lill-Kummissarju għan-nom tal-membri kollha tal-MARPO, mill-President tal-Għaqda s-Sur Charles Curmi u t-Teżorier Joseph Borda.

Il-programm għalaq b'riċeviment li jkun mistenni minn ħafna membri tal-Għaqda, fejn wieħed jiltaqa' ma' sħabu l-antiki u jerġgħu jirrakkuntaw xi storja tal-imgħoddi u xi esperjenza sabiħa li jkunu għaddew minnha.

## Jum it-Tifkira



Il-Ħadd 13 ta' Novembru, il-Kumitat u l-membri tal-MARPO ħadu sehem fil-parata li ssir ħdejn il-Monument tal-Gwerra ġewwa l-Furjana. Din issa saret attività li l-membri tal-MARPO jkunu qed jistennewha sabiex jattendu.

Ta' min ifakkar li matul it-Tieni Gwerra Dinjija, il-Korp tal-Pulizija tilef tmien membri li mietu waqt attakki mill-għadu. Dawn il-membri kienu:-
PC 176 John Gatt, PC 284 Lucrezjo Cassar, PC 291 Francis Camilleri, PC 192 Alphonso Camilleri, PC 547 Alfred Vella, PS 89 Carmelo Lanzon, PS 184 Michael Riviera, PS 232 Peter Cordina

### Ftuħ tal-Uffiċċju tal-Għaqda

L-uffiċċju tal-Għaqda li jinsab il-Menqa, ikun miftuħ kull nhar ta' Tnejn bejn id-disgħa ta' filgħodu u nofsinhar għas-servizz tal-membri tal-Għaqda.

Kull korrispondenza u miżati għandhom jiġu mpustati f'dan l-indirizz:
MARPO, Kaxxa Postali 36, Birkirkara
It-telefown tal-Menqa huwa 2124 4182 u l-*e-mail* huwa marpo2011@gmail.com

Għall-ewwel darba, il-Kummissarju s-Sur Lawrence Cutajar tana l-faċilità li nużaw kamra fid-*depot* matul ix-xahar ta' Jannar biex membri tal-kumitat ikunu jistgħu jiġbru l-miżata mill-membri tal-Għaqda. Għan-nom tal-kumitat, nirringrazzja lill-Kummissarju li tana din il-faċilità.

### Dokumenti meħtieġa għal meta jiġi nieqes xi membru tal-Għaqda

Sabiex l-uffiċċju tal-*Malta Police Mutual Help Association* – MPMHA jħallas il-*gratuity* miġbura mill-istess Assoċjazzjoni, li titħallas mill-fond skont l-Istatut tal-MPMHA, lill-werrieta jew legatarji tal-eks membru/i tal-Korp tal-Pulizija, għandu bżonn is-segwenti dokumenti.

Id-dokumenti kollha għandhom ikunu oriġinali jew kopji awtentikati minn avukat jew nutar pubbliku. Huwa importanti li fejn applikabbli, id-dokumenti kollha jinġiebu fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija għaliex mingħajr dawn id-dokumenti l-pagament ma jinħariġx.

**A) Mir-Reġistru Pubbliku ta' Malta (Valletta):**
- Ċertifikat tal-mewt tal-eks membru msemmi hawn fuq.
- Ċertifikat taż-żwieġ tiegħu, jekk kien miżżewweġ.
- Ċertifikat tal-mewt ta' martu, jekk kien miżżewweġ u diġà armel.
- Ċertifikati dwar tfittxija għal testmenti pubbliċi.

**B) Dokumenti oħra:**
- Attestazzjoni tal-werriet/a mingħand nutar fejn jindika f'isem min irid jinħareġ il-pagament.
- Ċertifikati dwar tfittxija għal testmenti sigrieti mis-Sekond' Awla tal-Qorti Ċivili għal Malta u Għawdex.
- Kopja vera tat-testment tal-mejjet eks membru, jekk kien hemm.
- Dikjarazzjoni minn persuna responsabbli li kienet taf sew lill-familja tal-mejjet (eż. kappillan, tabib, avukat, eċċ.), dwar min huma l-ulied tal-mejjet, jekk kien hemm; jew, f'każ li ma kienx miżżewweġ, min huma ħutu u l-ġenituri tal-mejjet eks membru. Jekk hemm l-ulied taħt l-età, dan għandu jiġi indikat.

**Mizata:** Il-ħlas dovut ta' €5 fis-sena jista' jsir fl-Uffiċċju tal-Għaqda ġewwa l-Menqa, kull nhar ta' Tnejn bejn id-9.00 a.m. u nofsinhar jew b'ċekk pagabbli lill-M.A.R.P.O. u jimpustawh f'dan indirizz :
M.A.R.P.O. - P.O. Box 36, Birkirkara. Wara tintbagħat irċevuta bil-posta.

# Mill-Imgħoddi



Il-Kummissarju Claude W. Duncan kien Kummissarju bejn is-snin 1916-1919 mal-fizzjali tal-Korp. Innotaw li s-Supretendenti ħdejn il-Kummissarju għandhom il-qmis taħt it-*tunic*, filwaqt li l-Ispetturi lebsin il-*close collar tunic* ċioè l-għonq huwa magħluq. Wieħed jinnota wkoll li hemm żewġ uffiċjali li għandhom speċi ta' daqna jew kif jafuha ħafna l-*goatee*.

ADVERT



Ex PC 969 Carmel Gauci
1923 - 2016
1952 - 1978



Ex PS 176 Francis Buttigieg
1925 - 2016
1943 - 1961



Ex PC 948 & RPC 3053 Joseph Muscat
1956 - 2016
1983 - 2008
2014 - 2016



Ex PC 759 Emmanuel Mifsud
1931 - 2016
1951 - 1977



Ex PC 555 Joseph Camilleri
1922 - 2016
1950 - 1976
(Gozo)



Ex 2/SM 382 Piu Cilia
1939 - 2016
1987 - 1984



Ex PC 480 Alfred Zahra
1942 - 2017
1964 - 1991



Ex PC 1205 Jonathan Zahra
1974 - 2017
1994 - 2017
(serving member)



Ex PC 53 Joseph Zammit
1930 - 2017
1953 - 1981



Ex. PS 883 Alfred Dimech
1937 - 2017
1957 - 1981



Ex PS 778 Francis Moran
1925 - 2016
1979 - 1986

Advert

Advert